**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur. Nru.: 88/2021 JPG**
**Kawza Numru : 22**

**JF**
***Vs***
**DF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JF datat 17 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha ta' Dicembru tas-sena elfejn (07/12/2000) u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, MF li twieldet fis-X u CF li twieled fit-Y.*
2. *Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvent irrenda ruhu hati ta eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, abbuz u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu;*
3. *Illi ser jirrizulta li l-konvenut ma jridx jaccetta li z-zwieg tal-kontendenti spicca, u ghalhekk qed jaghmel minn kollox biex jiddilunga l-process kif ukoll biex jaghmel hajjet martu u uliedu infern u dan qed jinghad bl-ikbar responsabbilita';*
4. *Illi bir-rispett jigi sottomess, illi l-atteggjament tal-konvenut qed jiggrava iktar ma jghaddi z-zmien, u oltre d-diskors aggressiv, ser jirrizulta illi huwa anke*

*qed ikun fizikament aggressiv ma' martu u l-bint MF, fejn sahansitra huwa anke jfarrak oggetti u effetti ta' martu;*

5. *Illi filfatt il-konvenut tant huwa mahkum minn paranoia li huwa kontinwament jirreferi ghall-martu bi kliem dispreggjattiv, u jakkuzaha li qed tigri mal-irgiel, inkluz mal-kollegi rgiel kollha taghha u anke mal-imghallem taghha! Huwa anke jheddidha li ser icempel lill-mara tal-imghallem u li ser jghidilha li hi qed tmur mieghu, biex finalment l-esponenti titkecca mix-xoghol, frankament ghalxejn!*
6. *Illi jinghad li s-sitwazzjoni qed teskala b'tali mod li fl-ahhar gimghat il-konvenut anke qafel il-washing machine b'katnazz u anke faqa' bieba mill-kcina u kull ma jmur qed izid id-doza biex litteralment jeqred lill-martu u anke lill-uliedu;*
7. *Illi l-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-ftehim u dan stante li l-konvenut jippretendi li ma jhallasx manteniment ghall-uliedu u/jew sehmu mid-djun appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti;*
8. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat b'digriet tal-ghaxra ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (10/3/2021).*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghadhiex:*

*1.Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza domestika u psikologika kommess mill-konvenut fuq martu; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*
*2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-wild minuri CF esklussivaent f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-minuri jkompli jirrisjedi mal-omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut;*
*3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghaz-zewg ulied stante li entrambi ghadhom studenti fuq bazi full time, u dan sakem l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin*

*sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess ulied;*

*4. Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

*5. Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-imjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

*6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

*7. Tassenja lir-rikorrenti sehem l-intimat mid-dar matrimonjali fl-indirizz hamsa u erbghin (45), Conception Street, gewwa Haz-Zabbar biex l-istess dar issir tappartjeni lir-rikorrenti fl-intier u dana bhala hlas tal-manteniment dovut mill-intimat ghall- ulied bil-quddiem u lump sum, kif wkoll sehmu mill-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni sa tmintax -il sena jew tlieta u ghoxrin jekk ikun il-kaz u f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax din it-talba, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tghix esklussivament fil-fond matrimonjali vita durante, ad esklussjoni tal-konvenut;*

*8. Konsegwentement ghas-seba' talba, tordna lill-konvenut sabiex fi zmein qasir u parentorju jallonta ruhu mill-fond matrimonjali ossia l-fond fl-indirizz hamsa u erbghin (45), Conception Street, gewwa Haz Zabbar, b'dana illi fin-nuqqas, tordna li l-istess konvenut jigi zgumbrat mill-istess fond bl-intervent tal-Pulizija u l-Marixxali;*

*9. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz hamsa u erbghin (45), Conception Street, gewwa Haz Zabbar m'ghadux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-konjugi F;*

*10. Tordna li l-konvenut ghandu jirrifondi lir-rikorrenti nofs il-pagamenti tas-self u kull pagament iehor maghmul mir-rikorrenti in konnessjoni mal-istess self u mehud mill-partijiet in konnessjoni mal-fond matrimonjali, li hija hallset b'mod esklussiv, u kull ammont iehor li ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;*
*11. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*
*12. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*
*13. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;*
*14. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-registru pubbliku;*

Rat ir-risposta guramentata ta' DF datata 13 ta' April 2021, a fol 13, li taqra hekk:

1. *Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti jirrileva li huwa jaqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, iżda mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, iżda minhabba htijiet li ghalihom tahti l-attrici, fosthom adulterju, abbandun, eċċessi, sevizzi u ngurji gravi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*
2. *Illi dwar it-tieni talba, din ghandha tiġi michuda u dana stante li ma huwiex fl-interess tal-minuri li jkunu affidati fil-kura tal-attrici u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi ghalhekk l-esponenti jikkontendi li l-kura u l-kustodja tal-minuri CF ghandha tiġi affidata f'idejn missieru l-esponenti u li l-Qorti ghandha tiffissa aċċess a favur l-attrici, taht dawk l-ordnijiet u provvedimenti li joghgobha tipprefiggi; dwar il-minuri MF, hi ghandha l-eta taghha u din ghandha tkun konġunta;*

3. *Illi dwar it-tielet talba, l-esponenti jikkontendi li din ghandha tiġi michuda u dana stante li hija l-attrici li ghandha tiġi ordnata thalas manteniment ghall-ulied minuri tal-partijiet stante li l-esponenti jikkontendi li dawn ghandhom ikunu affidati fil-kura tieghu;*
4. *Illi dwar ir-raba it-talba ghall-manteniment ghar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva li martu ddekadiet mid-dritt ghall-manteniment stante li hi ghandha relazzjoni adulterja ma' sieheb barrani u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza u ghaldaqstant it-talba li tirriwarda l-manteniment pagabbli lill-attrici ghandha tiġi michuda bl-ispejjez kontriha;*
5. *Illi dwar il-hames (5) talba din ghandha tiġi michuda peress li l-esponenti jikkontendi li jekk tintlaqa t-tieni (2) eċċezzjoni tieghu, manteniment ma jkunx dovut bejn il-partijiet, peress li r-rikorrenti tiehu hsieb dak tat-tifla u l-intimat jiehu hsieb tal-minuri CF;*
6. *Illi dwar is-sitt (6) talba l-esponenti jaqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha ixxolji u tillikwida l-propjeta komuni li hemm eżistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenuta hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-esponenti u porzjoni lill-konvenuta ope senteniam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*
7. *Illi dwar is-sebgha (7) talba din ghandha tiġi michuda tenut kont li din ghandha tinbiegh u ghalhekk l-ewwel Qorti ghandha tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond matrimonjali ossia l-fond li jġib in-numru hamsa u erbghin (45) f'Conception Street, ġewwa Haz Zabbar; illi din it-talba kif imfassla hija insostenibbli stante li mhuwiex ekwu u gust li sehem l- esponenti jiġi assenjat lil martu peress illi (a) in-nofs tad-dar ma jammontax ghall-ekwiparazzjoni kontra l-manteniment dovut; (b) il-minuri CF ma jridx jabita ma' ommu u ghalhekk ma hemmx manteniment x'jigi likwidat gialadarba din il-Qorti tisma x-xewqa tal-minuri; (c) it-talba sabiex jiġi likwidat il-manteniment sakemm l-ulied jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) hija bbazzata fuq permessa ta' possibilita' li t-tfal jibqghu jistudjaw u ghalhekk ghandha tiġi michuda;*
8. *Illi dwar it-tmien (8) talba din ghandha tiġi michuda in vista tas-sebgha (7)*

*eċċezzjoni; oltre hekk ma jeżistux l-estremi fil-ligi sabiex din it-talba tintlaqa;*

9. *Illi dwar id-disgha (9) talba – din ghandha tiġi milqugha;*
10. *Illi dwar l- ghaxar (10) talba – din ghandha tiġi michuda stante li infondata fil-fatt u fid-dritt u mhux minnu li hemm lok ghal rifużjoni;*
11. *Illi dwar il-hdax (11) -il talba -din ghandha tiġi milqugha*
12. *Illi dwar it-tnax (12) -il talba – l-attrici ma ghandha ebda beni u krediti parafernali u dotali li trid tiġi riburzata bihom, anzi huwa l-esponenti li ghandu tali u ghalhekk din il- Qorti ghandha tikkundanna lill-attrici sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut l-beni kollha dotali u/jew parafernal tieghu li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi żmien qasir u perentorju li ghandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attrici rikonvenzjonata taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonat dik is-somma li ghandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*
13. *Dwar it-tlettax (13) -il talba, din it-talba ghandha tiġi michuda u milqugha fil-konfront tal-intimata tenut kont li hi hatja ta'' tifrik taz-zwieg;*
14. *Dwar l-erbatax (14) -il talba – l-esponenti jaqbel ma' din it-talba;*
15. *Illi l-esponenti ma ghandhux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*
16. *Salv eċċezzjonijiet ohra permessibli bil-ligi.*

Rat il-kontro-talba tal-konvenut DF datata 13 ta' April 2021, a fol 18 et seqq. , li taqra hekk:

1. *Illi l-konvenut DF jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jippreżenta kontra-talba kontra l-attrici JF ;*
2. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn (7/12/2000)*
3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom żewġt itfal, MF li twieldet fis-X u CF li twieled fit-Y rispettivament;*
4. *Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid u adulterju fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonat;*
5. *Illi minhabba f'dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort*

*uniku tal-istess attriċi rikonvenzjonata;*

6. *Illi l-partijiet ma waslux ghal bonarja ghar-raguni li l-attrici rikonvenzjonata ma riditx taqbel fuq il-minuri u tirrispetta x-xewqa tal-minuri CF li jkun ma' missieru; apparti l-fatt illi r-raguni wara din ir-residenza kollha hija biss illi hi trid tuża lill-ulied sabiex takkwista manteniment minghand l-intimat u tant hu hekk illi hi sahansitra ghamlet talba fir-rikors mahluf sabiex tiġi assenjata d-dar matrimonjali ghas-saldu tal-pretensjonijiet li ghandha fuq il-manteniment tal-ulied;*
7. *Illi dan oltre l-fatt li l-attrici rikonvenzjonata tuża lill- minuri ghall- iskopijiet taghha tant li wasslet lit-tifla MF sabiex tixhed kontra missierha fi proċeduri kriminali li spiċċaw skalaw u dana bl-uniku skop sabiex l-attrici rikonvenzjonata tipprova tiżgombra lill-esponenti mid-dar matrimonjali;*
8. *Illi l-attrici rikonvenzjonata mohha biss fir-relazzjoni adultera li hi ghandha (wara bosta ohrajn) ma raġel barrani, u teżisti biza' li hi taqbad lill-minuri u ssiefer bih minghajr il-kunsens tal-esponenti;*
9. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dok DF1);*

*Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputtabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza l-attur sabiex jghix separatament minn mal-konvenuta;*
2. *Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri CF f'idejn l-esponenti*
3. *Tordna li r-residenza primarja tal-minuri CF tkun mal-esponenti;*
4. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-minuri CF li ghandu*

*jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex ihallas lill-attur dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu/jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.*

5. *Tiffissa aċċess a favur l-intimata b'dana li jirrifletti x-xewqat tal-minuri;*
6. *Tordna illi l-passaport tal-minuri jinżamm ghand l-esponenti u li l-minuri ma ghandhux issiefer hlief bil-kunsens tal-esponenti bil-miktub;*
7. *Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur;*
8. *Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur.*
9. *Ixxolji u tillikwida l-propjeta komuni li hemm eżistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenuta hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lill-konvenuta ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenzza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*
10. *Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond matrimonjali ossia l-fond li jinsab mmarkat bin-numru hamsa u erbghin (45) Conception Street, Haz Zabbar b'dana li wara li jsir il-bejgh, u jinqata d-dejn li hemm mal-banek lokali gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti, u l-esponenti jithallas il-flejjes parafernali u krediti parafernali dovuti lilu, r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;*
11. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrestitwi lill-attur l-beni kollha dotali u/jew parafernal tieghu li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi żmien qasir u perentorju li ghandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-attur dik is-somma li ghandha tiġi likwidata, okorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

12. *Tordna lill-mara sabiex tiżgombra minn ġewwa tali fond sakemm dan jinbiegh lil terzi u tawtorizza lill-esponenti sabiex jghix wahdu flimkien mal-minuri CF ġewwa l-fond matrimonjali sakemm dan jinbiegh lil tali terzi;*
13. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci;*
14. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ċċelebrat bejn il-partijiet li gie ċċelebrat fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn (07/12/2000)*
15. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jiġu reġistrati fir-Registru Pubbliku.*
16. *Tawtorizza lill-attur sabiex jirreġistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.*

Rat ir-risposta ta' JF ghall-kontro-talba datata 27 ta' April 2021, a fol 27 et seqq. , li taqra hekk:

1.*Illi l-esponenti ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kotrotalba mressqa minnu, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-espoenenti tirriserva minn issa d-dritt li tressaq xhieda in sostenn;*

*2. lli brevement jinghad illi miz-zwieg tal-partijiet twieldu zewgt itfal, MF li twieldet fis-X u CF li twieled fit-Y;*
*3. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn wara li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, abbuz u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu;*
*4. Illi ser jirrizulta li l-konvenut ma jridx jaccetta li z-zwieg tal-kontendenti spicca, u ghalhekk qed jaghmel minn kollox biex jiddilunga l-process kif ukoll biex jaghmel hajjet martu u uliedu infern u dan qed jinghad bl-ikbar responsabbilita';*

*5. Illi bir-rispett jigi sottomess, illi l-atteggjament tal-konvenut qed jiggrava iktar ma jghaddi z-zmien, u oltre d-diskors aggressiv, ser jirrizulta illi huwa anke qed ikun fizikament aggressiv ma' martu u l-bint MF, fejn sahansitra huwa anke jfarrak oggetti u effetti ta' martu;*

*6. Illi fil-fatt il-konvenut tant huwa mahkum minn paranoia li huwa kontinwament jirreferi ghall-martu bi kliem dispreggjattiv, u jakkuzaha li qed tigri mal-irgiel, inkluz mal-kollegi rgiel kollha taghha u anke mal-imghallem taghha! Huwa anke jheddidha li ser icempel lill-mara tal-imghallem u li ser jghidilha li hi qed tmur mieghu, biex finalment l-esponenti titkecca mix-xoghol, frankament ghalxejn!*

*7. Illi l-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-ftehim u dan stante li l-konvenut jippretendi li ma jhallasx manteniment ghall-uliedu u/jew sehemu mid-djun appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti tant li fl-ahhar gimghat beda anke jezercita aljenazzjoni fuq il-wild CF biex jikkonvincih biex jaghzel lilu fuq ommu;*

***Illi ghaldqstant, fir-rigward tat-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, l-esponenti tissottometti s-segwenti:***

1. *Illi hija ma toggezzjonax ghall-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali u li jibdew jghixu separat minn xulxin; izda mhux ghat-tortijiet imputtabbli lilha stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg b'mod irrimedjabli huwa imputabbli esklussivament lill-konvenut u dan hekk kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*
2. *Illi l-esponenti topponi ghat-tieni u t-tielet talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, stante li l-kura u l-kustodja tal-wild ghandha tkun fdata esklussovament f'idejha u l-minuri ghandu jkompli jabita maghha. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, il-partijiet m'ghandhomx relazzjoni tajba bejniethom minhabba l-agir possessiv tal-attur. Kif ben tghallimna dil-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u kustodja ta' minuri dejjem tigi vestita f'idejn parti wahda jew ohra.*

*F'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem ghex maghha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tat-tifel;*

3. *Illi l-esponenti topponi ghar-raba' talba tal-konvenut u dan stante li m'hemm l-ebda raguni li tolqot l-interess tal-minuri, biex dan ma jibqax jabita maghha u hi jkollha l-kura u kustodja esklussiva tieghu u kwindi ghandu jkun l-konvenut rikonvenzjonant li jhallas manteniment ghall-iben (u anke ghall-bint, stante li ghalkemm adulta ghadha studenta fuq bazi full time) flimkien mal-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u mhux bil-kontra;*
4. *Illi l-esponenti topponi wkoll ghall-hames talba u dan stante li l-hinijiet tal-access ghandhom jigu ffissati ghall-konvenut stante li l-minuri ghandu jkompli jabita maghha kif ghamel tul hajtu kollha;*
5. *Illi l-esponenti topponi wkoll ghas-sitt talba stante li ghandha tkun hi li tibqa' zzomm il-passaport tal-minuri gjaladarba huwa jabita maghha;*
6. *Illi l-esponenti topponi wkoll ghas-seba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li ghall-kuntrarju ta' zewgha hi ma ddekadietx mid-dritt taghha li titlob manteniment minghandu;*
7. *Illi l-esponenti topponi ghat-tmien talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li m'hemm l-ebda raguni biex jigu applikati fil-konfront taghha l-artikoli 48 et seq tal0 Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u se mai dawn ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut innifsu;*
8. *Illi l-esponenti ma topponiex ghad-disa' talba tal-konvenut fuq ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lir-ragel u mhux lill-esponenti u meta tasal sabiex tiddividi l-komunjoni tqis minn meta l- konvenut rikonvenzjonant kien hati tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess. M'hemmx opposizzjoni li jinhatru kuraturi deputati purche dawn jinhatru wkoll ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut ukoll;*
9. *Illi l-esponenti topponi ghall-ghaxar talba tal-konvenut rikonvenzjonant li tinbiegh id-dar konjugali u din stante li hija tikkontendi li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni, din ghandha tigi*

*assenjata lilha u/jew tigi awtorizzata tibqa' tghix fiha tul hajjitha kollha ad esklussjoni ta' zewgha;*

10. *Illi fir-rigward tal-hdax-il talba, sta ghall- konvenut rikonvenzjnant biex jipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenta ta' tali tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mill- komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
11. *Illi l-esponenti topponi bil-qawwa ghat-tnax -il talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li l-fond m'ghandux jinbiegh, kif diga' gie spjegat, u fi kwalunkwe kaz, anke jekk il-Qorti tordna l-bejgh, ghandu jkun il-konvenut li jizgombra mill-istess sakemm jinstab il-bejgh u dan biex l-esponenti u z-zewg ulied jghixu hajja serena minghajr theddid u abbuz kontinwu;*
12. *Illi l-esponenti ma topponix ghat-tlettax -il talba;*
13. *Illi f'dan l-istadju, l-esponenti topponi ghall-erbatax u hmistax -il talba stante li ghadhom m'ghaddewx l-erba' snin rikjesti mill-ligi sabiex il-partijiet jottjenu d-divorzju oltre ghall-fatt li l-konvenut mhux qieghed ihallas regolarment ghall-manteniment u l-ispejjez t'uliedu minkejja l-ordni ta' dn il-Qorti;*
14. *Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni ghas-sittax -il talba;*
15. *Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonant li hu minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat is-sentenza in parte taghha datata 4 ta’ Mejju 2023;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-attrici tas-26 ta’ Marzu 2021 (fol. 34) li permezz tieghu resqet it-talba sabiex din il-Qorti tawmenta l-manteniment li l-konvenut kien gie ordnat jivversa fil-proceduri ta’ medjazzjoni minhabba li l-konvenut kien qieghed jimpika maghha fuq l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri. Dan ir-rikors gie deciz permezz ta’ digriet li din il-Qorti tat fit-8 ta’ Gunju 2021 (fol. 122A) fejn cahdet it-talba stante li l-konvenut ipprezenta ricevuti flimkien mar-risposta tieghu li kien filfatt hallas spejjez izda laqghet it-tieni talba tal-attrici sabiex jinxtara *laptop* ghat-tifel tal-partijiet u l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-konvenut datat 13 t’April 2021 (fol. 108) li permezz tieghu talab li l-minuri iben il-partijiet imur jirrisjedi mieghu u jkun hemm avukat tat-tfal li tisma’ lill-istess minuri. L-attrici Omm oggezzjonat ghal tali talba stante li skont hi l-minuri qed jigi mixtri mill-Missier sabiex jixhed kif irid hu u b’hekk il-konvenut jevita l-obbligu li jhallas manteniment. Taqbel li m’hemmx relazzjoni tajba bejn il-bint u l-missier izda mhux ghar-raguni li qed tinfluwenzaha hi kif jghid il-konvenut Missier izda ghaliex il-bint semghat il-hafna argumenti bejn il-kontendenti u meta tiddefendi lill-ommha, hafna drabi l-konvenut jispicca jargumenta u jghajjar lil bint wkoll. Din il-Qorti cahdet it-talbiet tal-konvenut permezz tad-digriet taghha tat-8 ta’ Gunju 2021 ghaliex mhux fl-interess tal-minuri illi apparti s-separazzjoni tal-genituri taghhom, jikkumbattu wkoll separazzjoni bejn l-ahwa.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta’ Settembru 2021 (fol. 285) li permezz tieghu talab li tigi revokata l-ordni sabiex hu jhallas manteniment ghal bint il-partijiet stante li din kienet irrezenjat mill-istudji taghha.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-konvenut datat 16 ta' Novembru 2021 (fol. 315) li permezz tieghu talab li l-attrici tigi zgumbrata mid-dar matrimonjali wara incidenti ta' vjolenza domestika quddiem iben il-partijiet li anke trawmatizzaw lill-istess minuri. L-attrici rrispondiet ghal tali rikors billi qalet li tant l-affarijiet kienu eskalaw li kellha titlaq mid-dar matrimonjali flimkien ma' ulied il-partijiet u li l-konvenut kien qieghed ihalli lill-iben il-partijiet jaghmel li jrid u jittollera li jkun aggressiv maghha l-aqwa li jingib mieghu. Din il-Qorti permezz tad-digriet moghti fil-21 ta' Jannar 2022 (fol. 354) astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors in vista tal-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju ta' xahrejn qabel fejn il-partijiet ma kienux resqu provi ghaliex kienu qieghdin jitransigu l-vertenzi bejniethom.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-konvenut datat 19 ta' Jannar 2022 (fol. 360) li permezz tieghu talab li tinhatar Dr Moira Borg sabiex tahdem ma' iben il-partijiet fuq ir-rabja li kellu l-istess wild. Din il-Qorti giet infurmatha bl-istess rikors illi bint il-partijiet kienet qieghda tghix mal-attrici filwaqt li iben il-partijiet kien ghazel li jirrisjedi mal-konvenut gewwa d-dar matrimonjali. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 22 ta' Marzu 2022 (fol. 382) l-ewwel talba tal-konvenut giet michuda stante li l-Qorti kienet appuntat haddiema socjali sabiex isegwi lill-minuri fis-seduta precedenti u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta' professjonist ulterjuri. Din il-Qorti cahdet it-talba sabiex il-minuri jibda jirrisjedi mal-konvenut fuq l-istess insenjament ta' digriet precedenti taghha u cjoe li mhux fl-interess tal-ulied li jinfirdu minn xulxin.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza *in parte* li nghatat minn din il-Qorti nhar l-4 ta' Mejju 2023 (fol. 652) li permezz taghha din il-Qorti laqghet it-talba tal-intimat DF u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet sa dakinhar *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors urgenti tal-konvenut DF  illi ntavola nhar is-26 ta' Mejju 2023 (fol. 658) li permezz tieghu talab li din il-Qorti tordna li r-residenza ordinarja ta' iben il-partijiet tkun mal-konvenut u twaqqaf l-ordni ta' manteniment tal-konvenut ghall- bzonnijiet ta' uliedu. Dawn it-talbiet tressqu minhabba li skont il-konvenut, iben il-partijiet kien qieghed jirrisjedi mieghu u ma kienx qed imur ghand ommu.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-attrici JF ntavolat nhar il-21 ta' Lulju 2022 (fol. 572) li permezz tieghu tablet sabiex din il-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta' iben il-partijiet u r-residenza tieghu tkun esklussivament mal-attrici u sabiex jigu ffissati dati u hinijiet ta' access. L-attrici tghid illi l-attitudni tal-konvenut li jhalli lill-minuri jaghmel li jrid sabiex jirbhu u b'hekk ma jhallasx manteniment qed tmur kontra l-interessi tal-minuri. Min-naha tieghu l-konvenut oggezzjona ghat-talbiet stante li l-attrici mhux ta' min jemminha wara li hadet manteniment li ma kienx dovut lilha kif ukoll illi huwa l-minuri nnifsu li jrid jirrisjedi mal-konvenut.

***<u>Il-Verzjonijiet tal-Partijiet u l-Provi Mresqa Minnhom:</u>***

L-attrici **JF** , xehdet permezz ta' affidavit (a fol 125 et seqq.) u tghid illi l-problemi fiz-zwieg bdew meta l-konvenut ma bediex jikkontribwixxi finanzjarjament u ghalhekk kellha tfendi ghal rasha. Tghid illi hi dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet tal-familja wahedha. Min-naha tieghu l-konvenut kellu passatemp li kien jirrikjedi li jsiefer madwar erba' darbiet fis-sena. L-attrici kienet tibqa' ghaddejja tiehu hsieb kollox hi izda l-konvenut ma kienx jara jekk ghandhix bzonn xi haga fin-nuqqas tieghu. Altru minn hekk, kien jghajjarha li kienet tiehu gost li hu kien ikun nieqes ghaliex hekk setghet ikollha relazzjonijiet extramaritali.

Tghid illi hija kienet thossha traskurata minn zewgha. Gieli l-konvenut kien isibha tibki bid-dwejjaq u kien jghidilha biex tmur ghand it-tabib tal-familja biex itiha ftit pilloli ghal moħħha. Sabitlu messaggi ma' nisa' barranin fejn f'wiehed minnhom , wahda mara kien qatlu li kienet qed thoss in-nuqqas tieghu. Wara dan, huwa kien nehha l-kont tieghu minn fuq it-*tablet* li kien juza' t-tifel. Wara hames snin tipprova, l-attrici waslet ghal konkluzjoni li ma kienetx  ghadha thobb lill-intimat bhala zewgha imma bhala missier it-tfal u li hi xorta kienet qed trabbi wahedha.
Sentejn qabel bdiet il-proceduri, l-attrici kienet bdiet tkellem ma' barrani *online* u meta skopra dan il-konvenut taghtu rasu u ried li jmorru ghat-terapija izda l-attrici kienet diga taf li ma ridetx tibqa' mieghu. Lill-barrani ma kelmitux aktar ghaliex indunat li kienet *scam* u ghalhekk regghet ippruvat issalva z-zwieg, anke billi ppruvaw ikellmu qassis.

Meta marret ghand il-konsulent legali taghha u zewgha rcieva l-karti, huwa sar aggressiv maghha. Kien hemm hafna tghajjir li kienet qed tiffrekwenta l-irgiel u darba f'Mejju kien kisrilha l-*mobile* u sawwatha f'wiccha. Hija ghamlet rapport mal-Pulizija fuq dawn l-incidenti. Min-naha tieghu l-konvenut dejjem ghawwa lit-tifel kontriha billi kien jghidlu li hi tmur gol-lukandi mal-irgiel barranin u ghalhekk ma kellhomx flus. It-tifel spicca aggressiv lejha u ghalhekk bdiet tiehdu ghand psikologa. Il-missier kien iwieghed affarijiet materjali lit-tifel sabiex jigbdu lejh u anke jiehdu mieghu go hwienet tal-armi. Gara illi t-tifel sab it-*tablet* tieghu mohbi gol-karozza ta' missieru u minn hemm beda jinduna li l-missier kien qed jigdiblu.

Fuq it-tifla tal-partijiet, l-attrici tghid li l-konvenut iffissa li hi kienet qieghda tghawwiha kontrih meta kien hu stess li bieghed lit-tifla meta qalilha li jrid jaghmel it-testijiet genetici(DNA) ghaliex ma kienetx bintu. Hu kien ittellifha mill-istudji taghha billi jitfilha l-*wifi*. Di piu't-tifla kellha bzonn *laptop* avvanzat ghall-istudji taghha u meta bdiet l-Universita' l-attrici kellha tissellef minghand huha ghaliex il-konvenut irrifjuta li johrog sehemu. L-attrici sostniet li hija kienet halset lil huha ghal dan l-laptop tat-tifla permezz ta' installments ta' mitt euro (Eur100) fix-xahar. Kien hemm incident fejn il-Missier prova jerfa' idu fuq it-tifla u t-tifla laqghatlu, spiccaw bil-proceduri l-Qorti u t-tnejn instabu hatja. L-attrici sostniet li kien ikun hemm argumenti ta' kuljum god-dar matrimonjali b'hafna tghajjir u insulti.

Meta nkisret il-magna tal-hasil tal-hwejjeg, il-konvenut qal lill-attrici li kien ser jahsel hwejgu b'idejh. Hi ghamlet xahar u nofs igorr il-hwejjeg u tahsel ghand ommha. Wara ndunat li l-kovenut kien filfatt xtara *washing machine* ghalih izda kien qafilha f'kaxxa tal-injam bil-katnazz biex hi ma tkunx tista' tuzaha. L-attrici spiccat isselfet il-flus minghand missierha u xtrat il-*washing machine* li kellha bzonn.

Waqt il-pandemija, it-tifel tal-partijiet kellu bzonn *laptop* ghal-lezzjonijiet. Il-konvenut beda jghawwih li lil ohtu, l-attrici kienet xtratilha *laptop* avvanzat u gholi filwaqt li lilu riedet tixtrilu wiehed hafna irhas. L-attrici ppruvat tispjega lit-tifel li ma kellux bzonn wiehed avvanzat bhal ta' ohtu. Il-konvenut kompla jghawwih billi xtralu *Play Station* izda ma harigx sehemu ghall-*laptop* li nxtara.

L-attrici bdiet tara hafna vendikazzjonijiet bhal meta biddel il-*password* tal-*internet* biex hi u t-tifla ma jkunux jistghu juzawh u dan ghaliex il-kont kien fuq ismu, jew meta qata' l-*wire* tal-hadida tal-mghoddija u b'hekk ma setghetx tghaddi l-hwejjeg jew meta ghamlilha l-hsara fil-vettura taghha.

Il-konvenut kien jhedded lill-attrici li sejjer javveliha fuq ix-xoghol billi jinzel jghid lill-mara tal-imghallem li kienet f'relazzjoni intima mieghu. Minhabba dan it-theddid, l-attrici spiccat bidlet l-impjieg taghha.

Il-biza tal-attrici kienet li jekk it-tifel jibda jirrisjedi ma' missieru, jintilef mill-aspett edukattiv u dixxiplinarju. F'dan il-perjodu t-tifel gja kien sejjer lura fl-edukazzjoni tieghu minhabba s-sitwazzjoni matrimonjali taghhom. Il-konvenut ma kienx jaghti kas l-impenji tat-tfal tant li minflok jghin lit-tifel fl-istudji tieghu, kien jiehdu l-bahar. Il-konvenut kien jaqbad u jsiefer ghall-passatemp tieghu minghajr ma jiccekja l-impenji tax-xoghol tal-attrici ghalhekk is-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali ma kienet xejn felici.

L-attrici xehdet ukoll quddiem din il-Qorti (fol. 376) u qalet illi f'Novembru 2021 kienet giet f'sitwazzjoni fejn giet kostretta titlaq mid-dar. Telqet ezatt wara mawra f'Ghawdex. Lit-tifel ma kienetx haditu maghha bhala kastig ghaliex kien qieghed ikisser l-ghamara d-dar u kien anke hebb ghaliha b'hadida. Kienet qaltlu li kienet sejra ghand il-genituri taghha u li hu kellu jmur maghha u li xorta kien ser jara lill-missieru kuljum. Wara dakinhar kien hemm gurnata li kienet ghaddiet bil-vettura mas-sieheb taghha minn quddiem il-kazin tal-villagg u rat lit-tifel jilghab gewwa. Aktar tard kienet bghatitlu biex tara jekk kienx ghadu hemm u kien qalilha li kien irritorna d-dar imma li kien wahdu ghalhekk hija kienet marret ghalih u haditu maghha. Tghid illi meta kien jmur ghand missieru kien jirritorna b'hafna rabja u b'attegjament differenti lejha. Hija kienet fitxet l-ghajnuna ghalih ghand l-Agenzija Appogg.

L-attrici ntavolat dikjarazzjoni datata 30 ta' Mejju 2022 (fol. 454) li tinkludi lista tal-oggetti jew ghamara li jinsabu fid-dar matrimonjali li nxtraw minnha jew mill-genituri taghha jew li kienu parti mid-dota taghha u ghalhekk tishaqq li ghandhom jigu allokati lilha mad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Nhar il-31 t'Awwissu 2022 (fol. 568), l-attrici ntavolat nota b'kopja ta' messaggi li kienet bghatet lill-konvenut ghaliex kien naqas milli jinformaha dwar appuntament tal-isptar kif ukoll minhabba li kien fallilu l-lezzjoni privata tal-matematika.

Nhar it-13 ta' Marzu 2023 (fol. 571 et seq.) l-attrici intavolat nota b'konteggi rigward hlasijiet zejda li ghamlet hi fuq is-self bankarju relatat mad-dar matrimonjali kif ukoll nuqqas ta' hlasijiet ta' manteniment kif ordnat jaghmel il-konvenut. Minn tali konteggi tnaqqas l-ammont li l-attrici irceviet zejjed minghand il-konvenut bhala manteniment ghal bint il-partijiet fix-xhur ta' meta din kienet twaqfet mill-istudji taghha mal-Universita' ta' Malta u ghalhekk l-attrici kkonkludiet illi sa dik id-data l-konvenut kien inadempjenti fl-ammont ta' sebat elef u sebgha u disghin euro u hamsa u tmenin centezmu (Eur7,097.85). Dawn il-konteggi gew sostanzjalizzati b'kopji tar-rendikonti tal-kont bankarju tal-attrici li minnu saru l-pagamenti u tal-ircevuti li juri tali pagamenti meta saru moddiehor.

L-attrici regghet xehdet quddiem din il-Qorti nhar is-17 t'April 2023 (fol.618A) u qalet illi meta kien issiefer ghal ghaxart ijiem shah, il-konvenut kien ikollu l-ispejjez imhalsa ghax kien jitla' fuq id-delizzju tieghu izda mieghu kien itella' flus biex jonfoq. Min-naha l-ohra ma kienx jimpurtah jekk familtu kienx jibqala' flus biex tghaddi u ta' spiss kien jigri li l-attrici kienet tkun mghafusa ferm bl-ispejjez tat-tfal tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Maz-zmien l-intimat dejjem beda jikkontribwixxi inqas tant li l-attrici bdiet thossha qieghda trabbi t-tfal wahedha. L-attrici kienet riedet taghmel kollox hi, il-giri tat-tfal, it-tisjir, il-hasil tal-hwejjeg u dan minkejja li kienet tahdem. Hajjitha kienet rutina wahda mit-Tnejn sal-Hadd. Il-ftehim ta' bejniethom kien illi hu jhallas is-self tad-dar u hi tohrog il-flus ghall- hajja. Hafna drabi kienet tispiccalha l-paga u l-konvenut kien jikkrittikaha ghal dan. Kontijiet tal-utilitajiet kienu jaqsmuhom. L-ispejjez tat-tfal kienet spiccat thallashom kollha hi tant li l-mizati tal-attivitajiet tat-tfal kemm-il darba kellha taqsahom f'pagamenti mensili. Kien ikollha taghmel is-sahra biex ittella' l-introjtu taghha. Min-naha tieghu, l-intimat beda jnaqqas il-hin tax-xoghol tieghu biex ikollu aktar hin ghad-delizju tieghu, apparti li gieli kien ikollu stharrig kuljum relatat mal-istess delizju.

L-attrici kienet tahdem sal-erbgha neqsin kwart (3.45pm) fil-hinijiet normali tax-xoghol jas sas-sitta ta' filghaxija (6pm) meta kienet taghmel is-sahra. It-tfal kienu jkunu

ghand ommha li kienet tlestihom ghall-attivitajiet taghhom biex l-attrici kienet tigborhom u twassalhom.

Il-konvenut ma kienx jaghti kasha lill-attrici u meta kienet tibda tibki, kien jghidilha biex tmur ghand it-tabib tal-familja biex itiha xi pilloli. Ma kienx hemm intimita' bejn il-konjugi u ghalhekk l-attrici kienet thoss illi bil-prezenza tal-konvenut jew minghajru, kienet ser tkun l-istess. Kien biss meta tkellmet mat-tifla li ghamlet il-kuragg biex twaqqaf iz-zwieg taghhom ghaliex sa dak il-punt kienet baqghet fiz-zwieg biex ma tifredx il-familja.

Ftit qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni, l-attrici kienet sabet messaggi bejn il-konvenut u nisa' ohra, fejn wahda mara kienet qaltlu li kienet qed thoss in-nuqqas tieghu u kien hemm messaggi ta' awgurju f'gheluq snin xulxin izda l-attrici ma fehmitx ghalfejn dan l-awgurju kellu jintbaghat b'mod privat. Meta kienet ikkonfrontatu fuq dawn il-messaggi, huwa kien innega.

L-attrici xehdet illi l-konvenut kellu relazzjoni tajba ma' bintu izda meta bdew is-separazzjoni, huwa kien hadha kontra bintu meta kienet tesprimi li l-attrici kellha ragun tant, li darba anke qalilha li ried jaghmel it-testijiet genetici (DNA) biex jikkonferma jekk kemm il-darba MF kienitx verament bintu. It-tifel kien irreagixxa ghas-separazzjoni billi kien sar aggressiv fil-konfront tal-attrici tant li kellha titlaq mid-dar matrimonjali. Wara li bdiet tirrisjedi ghand il-genituri taghha (ftit 'il boghod mid-dar matrimonjali), it-tifel beda jiehu l-attitudni li kif tikkoregih imur iqatta' zmien ghand missieru, li qatt ma kien jikkoregih. Kienet tibqa' tibghat messaggi lit-tifel u dan ma jweggibhix. Il-konvenut qatt ma inkoraggih jagixxi kif suppost m'ommu jew spjegalu li ma kienetx ittih li jrid ghal gid tieghu. Fid-data tat-testimonjanza, l-attrici kienet qieghda tirrisjedi fil-kera mas-sieheb taghha u t-tfal tal-partijiet. It-tifel dera fir-rutina l-gdida u m'ghadhiex tara r-rabja li kellu qabel.

L-attrici xehdet illi l-partijiet lehqu ftehim li kienu se jaghtu kastig lit-tifel taghhom talli mar Ta' Qali ma' shabu minflok mar l-iskola; izda l-konvenut hallih imur jistad xorta minflok ghamel kif kienu ftehmu.

Il-konvenut kien ilu ‘il fuq minn sena ma jikkontribwixxi f’manteniment. Hu kien waqaf ihallas meta kien sar jaf li kien hallas iz-zejjed ghaliex it-tifla kienet waqfet mill-istudji taghha izda kien waqqaf il-pagamenti kollha inkluz tat-tifel. L-ahhar manteniment li kien hallas, kien dak ta’ Lulju 2021.

L-attrici, JF , ntavolat nota waqt is-seduta ta’ nhar is-26 ta’ Gunju 2023 (fol. 666) li permezz taghha ezebixxiet ritratti tal-komportament tal-minuri kemm ilu jirrisjedi mal-konvenut u cjoe li jtella’ materjal fuq is-siti socjali tieghu b’mossi vulgari u kliem inkwetanti, illi qed imur l-iskola minghajr homework u anke jorqod waqt il-hin tal-iskola, illi qed jikkonsma hafna *energy drinks* minkejja li mhux idejali stante l-eta’ tieghu, li il-minuri kien jibghat messaggi lill-ommu li ghalih ma kienetx ghadha ommu (kopja ta’ messaggi a fol. 680), kif ukoll kopja ta’ messaggi bejn l-omm u l-iben dwar li l-attrici xtratlu wet suit izda ma hallitux juza’ harpun wahdu minghajr supervizjoni u Carlise ma fehemx li dan kien minhabba l-periklu li jkun fih meta joghdos wahdu. L-attrici ezebixxiet ukoll kopja ta’ messaggi bejnha u bejn iben il-partijiet fejn qieghda tipprova tiftiehem mieghu fuq diversi granet sabiex tiehdu jixtri l-uniformi. Annettiet ukoll kopja ta’ rcevuti li l-konvenut naqas milli jhallas sehmu taghhom bhal mizati tal-iskola u sehmu mill-unifromi ta’ iben il-partijiet.

Sabiex tikkorroborra l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

**Lorraine Attard,** in rapprezentanza tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* (a fol. 122) xehdet li l-partijiet kellhom self pendenti mal-Bank rapprezentat u minn Frar 2020, il-pagamenti relativi ghal dan is-self kienu qed isiru minn kont bankarju ntestat f’isem il-konvenut. Kien hemm xi xhur li fihom sar pagament mill-kont intestat f’isem l-attrici. Mistoqsijia fuq l-ahhar xahrejn, ix-xhud xehdet illi l-pagament mensili sar mill-kont intestat f’isem ir-ragel izda imbaghad jigi rifuz minhabba li ma jkunx hemm fondi sufficjenti. Hemmhekk il-bank idur fuq kontijiet ohra, inkluz tal-attrici.

Ix-xhud xhedet ukoll fis-seduta ta’ nhar l-4 ta’ Lulju 2022 (fol. 459) u ezebixxiet rendikont tal-kont intestat f’isem l-attrici mal-HSBC. F’tali rendikont jispika l-pagament mensili li jsir f’tali kont minn Carlo Gavazzi. Ix-xhud ezebixxiet rendikont ta’ kont bankarju ntestat f’isem il-konvenut DF (fol. 507). Bl-istess mod, jispikka f’tali rendikonti pagament kull gimghatejn li jsir mill-Malta Drydocks Industria. A fol. 536

gie ezebit rendikont relatat ma' self bankarju li ghadu pendent bejn il-partijiet b'mod kongunt - rendikont tal-pagamenti li saru mill-partijiet kontra dan is-self. Dok LAX9 (fol. 544) imbaghad juri rendikont ta' ishma li ghandu l-konvenut taht l-HSBC Malta Funds SICAV p.l.c.

Ma gew esebiti ebda kontijiet bankarji tal-kontendenti mill-APS Bank, mill- BNF Bank u mill- Lombard Bank (fol. 138).

**Stephen Cachia,** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta (fol. 139). U ezebixxa kopja tar-records tal-partijiet mal-Awtorita' rapprezentata li juru x'vetturi kellhom fil-passat u fid-data tas-seduta. Jirrizulta li l-konvenut ghandu zewg vetturi registrati f'ismu; wahda tal-ghamla "Renault Clio" bin-numru ta' registrazzjoni "JCB365" u l-ohra tal-ghamla "Renault Scenic" bin-numru ta' registrazzjoni "BBV351". Fid-data tas-seduta ma jidhirx illi l-attrici kellha vettura registrata fuqha.

**Benjamin Spiteri,** in rapprezentanza ta' *Identity Malta* (fol. 139). ezebixxa kopja ta' ricerki li saru fuq il-partijiet. Dawn ir-ricerki juru fidi ta' cens li sar mill-partijiet. Gie ezebiet ukoll kuntratt ta' self bankarju lill-partijiet F[1] li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Victor John Bisazza (fol. 565). Dan is-self intuza' bhala parti mill-prezz sabiex giet akkwistata proprjeta' gewwa Haz-Zabbar. Giet ezebita ukoll l-iskrizzjoni ta' privilegg mill-partijiet konguntivament fis-sena 2003 bhala garanzija tas-self mehud mill-konvenut fuq id-dar bin-numru hamsa u erbghin (45) fi Triq il-Kuncizzjoni, Zabbar (fol. 170). Giet ezebita l-kopja tar-registrazzjoni tal-bejgh tal-proprjeta' fiz-Zabbar lil entrambi mill-partijiet (fol. 171) fis-sena 2000. Ix-xhud ezebixxa wkoll set ta' ricerki li rrizultaw f'isem l-attrici (fol. 177)

**RPC 3141 Janet Cicala,** in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, (a fol. 139). ezebixxiet disa' (9) rapporti. L-ewwel rapport maghmul mill-konvenut fis-16 t'Ottubru 2020 ghaliex l-attrici kienet allegatament hebbet ghalih fil-gurnata ta' qabel (fol. 233). Skont hu kien inqala' argument bejn il-partijiet, u l-attrici bdiet tghajjru. F'hin minnhom wadbitlu flixkun tal-hasil u laqtitu fi spaltu. Fit-18 t'Ottubru 2020 huwa aggorna r-rapport tieghu billi qal li dakinhar kien qieghed jara t-televizjoni meta l-attrici

[1] L-attrici dehret fuq tali kuntratt bhala "JZ" fol. 182

allegatament marret tiggieled mieghu u titfilu t-televizjoni. Meta qam biex jinzel isfel, l-attrici imbuttatu minn wara u setgha waqa' t-tarag. Meta l-Pulziija tkelmet mal-attrici, hija qalet li kif l-konvenut ra tilbes biex tohrog beda jghajjarha hafna u jinsulentha. Wara li libset, l-argument eskala tant li hu wadbilha karkura u hi garatlu flixkun tal-hasil frott ir-rabja. It-tieni rapport maghmul mill-konvenut nhar fil-5 t'April 2021 sar minhabba li l-attrici kienet qed tuza vettura registrata fuqu u qalghet citazzjoni u b'hekk tnaqqsu l-punti mil-licenzja tieghu. It-tielet rapport kien sar mill-konvenut nhar l-20 t'Awwissu 2020 (fol. 243) minhabba li l-attrici kienet baqghet ma tatx informazzjoni lilu fejn kienet sejra tqatta' l-*weekend break* mat-tifel kif kienu mifthemin. Meta staqsiha direttament, l-attrici allegatament bdiet tghajjru u hedditu li tibghat lil huta s-subien jaghtuh xeba'. Ir-raba' rapport maghmul fid-9 ta' Dicembru 2020 (fol. 245) kien jittratta li l-attrici allegatament imbuttat lill-konvenut fuq bieba miftuha tal-kcina u b'hekk sofra girfa fonda f'idejh. Meta l-Pulizija kelmu lill-attrici din qalet li l-konvenut mar issajjar propju fil-hin li bdiet issajjar hi. Hi wadbitlu l-haxix li kien hareg fis-sink u hu rvilla u qala' l-bieba tal-kcina bil-forza. Kellha tintervjeni bint il-partijiet biex nehhiet il-borma minn idejn missierha. Wara beda jhedded lill-attrici li ser joqtolha. Mistoqsija fuq il-girfa, l-attrici qalet li l-konvenut ma kellu l-ebda griehi fil-hin tal-argument. Fil-21 ta' Mejju 2020 l-attrici kienet intavolat rapport kontra zewgha (fol. 256) wara argument bejn il-partijiet li beda minhabba tibdil fil-pjanijiet tal-attrici ma' iben il-partijiet li jmorru l-bahar. L-attrici kkonfrontat lill-konvenut minhabba li semghetu jghawwi lil binhom u dan beda jinsultaha u taha daqqa ta' harta. L-attrici tatu wahda lura u sabtitlu l-*mobile* tieghu fuq il-mejda. Il-konvenut sabtilha l-*mobile* taghha mal-art u baqa' jaghti fuqu sakemm kisru. Meta l-Pulizija kelmu lill-konvenut dan kien qalilhom li kienet l-attrici li taghtu l-ewwel billi taghtu daqqa ta' furketta fi spaltu.

A fol. 253 jinsab kopja ta' rapport li gie ntavolat mill-attrici nhar l-4 ta' Awwissu 2020 minhabba li zewgha kien beda jinsulenta quddiem uliedha li kellha relazzjoni extramaritali mal-imghallem taghha u li kien sejjer jghid lil mart l-imghallem fuq dana kollhu. Qalet li gimgha qabel ir-rapport, zewgha kien taha daqqa ta' harta imma ma kienetx ghamlet rapport fuq hekk. Meta l-konvenut gie mitkellem mill-Pulizija, dan nnega li kien gara dan l-incident izda qal li martu kienet qed taghmel hafna affarijiet biex tipprovokah u ghalhekk kien qed iqatta' hafna hin barra mid-dar. Fit-23 ta' Jannar 2021, l-attrici ghamlet rapport (fol 256) dwar nuqqas ta' hlas mill-konvenut ta' sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' uliedhom skont id-digriet tal-Qorti kif ukoll

illi hi kienet qed tuza' vettura mhux registrata fuqha u zewgha kien qieghed jirrifjuta li jiffirmalha l-polza tal-assikurazzjoni taghha. Fit-3 ta' Marzu 2021, l-attrici ntavolat rapport kontra l-konvenut minhabba li l-gurnata ta' qabel kellhom argument li beda mill-hasil tat-tifel u kompla billi l-konvenut beda jitfi' l-*internet* lill-attrici u l-bint il-partijiet li riedet taghmel xoghol edukattiv taghha. Waqt l-argument il-konvenut beda juri lill-attrici subajh tan-nofs u jghajjarha. Meta gie mitkellem mill-Pulizija, il-konvenut qal li hu kien talab lill-attrici tirranga l-hinijiet tax-xoghol taghha minhabba li kienet qed tahdem dejjem filghaxija. Wara bdiet idoqq id-diski b'volum gholi u hu sikkitha minhabba li kien hemm it-tifel rieqed izda hi qaltlu li hi setghet taghmel li trid go darha. Il-konvenut tefgha l-*wifi* u l-attrici qabdet tinsulentah u tghajru. Huwa nnega li hebb ghall-attrici. Ir-rapport tad-9 ta' Dicembru 2020 a fol. 264 huwa dwar l-istess incident li diga saret referenza ghalih hawn fuq dwar meta inqala' argument bejn il-partijiet ghax it-tnejn riedu jsajru fl-istess hin. L-ahhar rapport a fol. 268 sar mill-attrici nhar id-19 ta' Marzu 2021 dwar insulti u tghajjir da parti tal-konvenut fil-konfront taghha.

Giet ezebita wkoll mill-istess xhud kopja tal-fedina penali tal-konvenut (fol. 271) li turi li hi wahda netta.

**Bernard Zarb,** in rapprezentanza ta' Jobsplus (fol. 139). Ix-xhud ezebixxa kopja tar-rendikont tal-impieg tal-partijiet. Dik tal-attrici (fol. 273) turi illi l-attrici hija llum-il gurnata impjegata fuq bazi *full-time* ma' socjeta' gewwa Tas-Sliema. Ir-rendikont tal-impieg tal-konvenut (fol. 275) turi li l-konvenut biddel diversi impjiegi matul is-snin b'uhud minnhom ikunu biss ghal ftit xhur. Fiz-zmien tas-seduta, il-konvenut kien jinsab f'impjieg fuq bazi *full-time* u li kien jirrisali ghall-ahhar tlett (3) snin.

**Gertrude Spiteri,** in rapprezentanza tal-Isptar *Mater Dei* (fol. 139). ezebixxiet kopja tal-*file* mediku tal-partijiet. Dak tal-konvenut jinsab a fol. 279 filwaqt li kopja tal-*file* tal-attrici tinsab a fol. 280.

**Ray Mangion,** in rapprezentanza tal-MCAST (fol. 364). ezebixxa record li juri li bint il-partijiet bdiet tattendi u tistudja ghal kors gewwa l-MCAST mis-sena 2021.

**Joseph Scicluna,** in rapprezentanza tal-*Junior College* (fol. 364). ikkonferma illi bint il-partijiet kienet studenta f'dan il-kullegg bejn l-2017 u l-2020 u dan minhabba li kienet irrepetiet l-ewwel sena.

**Anita Grima** in rapprezentanza tal-LESA, (fol. 387E). ikkonfermat illi fid-data tas-seduta ma kienx hemm multi pendenti f'isem il-partijiet. Kien hemm tlett (3) punti penali effettivi fuq il-konvenut liema punti jaqghu f'April 2022 sakemm ma jkunx ghaqqad it-tnax (12) -il punt sa dak iz-zmien u b'hekk il-licenzja tigi revokata. It-tlett punti attivi kienu relatati ma' velocita' eccessiva.

**Dr Christopher Spiteri** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (fol. 387G). ezebixxa *records* mizmuma mill-Awtorita' li juru li l-konvenut kellu sitt (6) punti penali kontra tieghu fid-data tas-seduta.

**Dennis Azzopardi** in rapprezentanza tal-*Cleansing and Maintenance Division* (fol. 387I). ezebixxa kopja tal-impieg li jirrifletti l-ahhar pozizzjoni tal-konvenut mad-Dipartiment rapprezentat kif ukoll set ta' FS3s tal-konvenut ghas-snin bejn l-2016 u l-2021. Ix-xhud spjega li l-konvenut jahdem gurnata iva u gurnata le mis-sebgha ta' filghodu (7am) sas-sebgha ta' filghaxija (7pm) u jaghmel xoghol ta' tindif. Huwa jahdem il-granet kollha mit-Tnejn sal-Hadd b'din ir-rutina. Il-konvenut ma jithallasx oltra mis-salarju tieghu li jizdied kull sena skont il-ligi. Ikun hemm zieda fis-salarju tal-konvenut f'Jannar minhabba l-ftehim kollettiv tal-haddiema tal-gvern u f'April gheluq id-data li hu beda f'dan ix-xoghol. Skont dokument ipprezentat mix-xhud (fol. 427) il-konvenut beda fil-pozizzjoni kurrenti tieghu b'salarju ta' tlettax-il elf, erba' mija erbgha u hamsin euro (Eur13,454) fis-sena u dan kien fis-sena 2017. Skont l-FS3 tal-konvenut ghas-sena 2021 ipprezentata mix-xhud (fol. 433), is-salarju globali tal-konvenut kien tela' ghal tmintax-il elf, seba' mija u hmistax-il euro (Eur18,715) ghal dik is-sena.

**Carmen Mangion** in rapprezentanza tal-Universita' ta' Malta (fol. 388). ezebiet dikjarazzjoni rilaxxata mill-Universita' illi bint il-partijiet kienet filfatt bdiet *Diploma* mal-Universita' f'Ottubru 2020 bi prova izda meta hargu r-rizultati tal-Matrikola rrizulta li l-istess MF ma kienitx ikkwalifikat ghal tali kors u ghalhekk ma setghetx tkompli.

Rapport tal-haddiema socjali **Bradley Desira**, li gie rilaxxat fis-16 ta' Marzu 2022 (fol. 393). F'tali rapport il-haddiem socjali jirrelata dwar laqgha li zamm mal-attrici li fiha nfurmatu illi l-minuri iben il-partijiet, kien aggressiv maghha u anke kisser gewwa d-dar amtrimonjali. L-attrici kienet infurmatu illi l-minuri ma ridx imur l-iskola u b'kastig ma kienitx haditu maghha ghal mawra gewwa Ghawdex. Semmiet ukoll li hi kienet ittentat tiehdu ghand psikologa izda l-missier kien ikkonvincih li ma kellux bzonn. L-istess haddiem socjali zamm laqgha mal-konvenut missier fejn dan tal-ahhar qallu illi kien hu li kien iwassal lill-minuri l-iskola u jistennih wara. Huwa kien ihalli lill-minuri fil-liberta' jekk jitkellimx ma' professjonist u ghand min mill-genituri kien ikun irid jorqod u dan minhabba li jemmen li ta' X -il sena l-minuri setgha jiddeciedi ghalih. Il-missier qal lix-xhud li hu kien ha lill-minuri l-Agenzija Appogg biex jitkellem ma' haddiema socjali izda wara xewg interventi kien il-minuri stess li beda jirrifjuta li jkompli jkellimha. Il-haddiem socjali wkoll zamm laqgha mal-minuri nnifsu fejn il-minuri qal li r-rabja li kellu lejn ommu kienet minhabba li kien qieghed jghir ghas-sieheb taghha li kien hadlu postu. Kien hemm diskussjoni fuq kif il-minuri setgha jikkontrolla r-rabja tieghu izda l-minuri kien jidher diga konoxxenti ma' dawn it-tattici. Meta gie mitkellem fuq rutina fl-access, il-minuri kien kontra dan minhabba li setgha jitlef okkazzjonijiet bhal sajd jekk ikun imissu ma' ommu. Da parti tieghu l-haddiem socjali ma rax utilita' li jibqa' jsegwi lill-minuri minhabba li l-affarijiet kienu marru ghall-ahjar wara li l-minuri kellu diskussjoni sinciera m'ommu u mas-sieheb taghha.

Ix-xhieda ta' **PZ** li nghatat permezz ta' affidavit li gie debitament mahluf nhar it-12 ta' Lulju 2022 (fol. 557). Ix-xhud jghid illi qatt ma stenna li l-partijiet kienu ser jispiccaw bi proceduri ta' separazzjoni izda kien hemm indikazzjonijiet li minnhom setgha jinduna bhal li bintu kemm-il darba kienet talbitu li jsellifha xi flus. Minkejja li qatt ma talabhomlha lura, hija dejjem halsitu lura. Dan ghaliex hu kien ilu jixtri rigali u oggetti tad-dar lil bintu li gawduhom maghha l-familja taghha bhal ma kien xtara l-kcina hu ghall-partijiet kif ukoll magna tal-hasil u wahda biex tnixxef il-hwejjeg fis-sena 2021. Kien anke sellef ammont ta' flus lill-partijiet sabiex setghu jixtru set tal-kamra tas-sodda ghalihom u ghal binthom u minn dan l-ammont, il-partijiet ghad ghandhom bilanc pendenti ta' tlett elef u mitejn euro (Eur3,200). Ix-xhud jghid illi l-attrici dahlet ghaz-zwieg fuq sieq tajba ghaliex kellha hafna oggetti tad-dar provduti lilha bhala dota.

Ix-xhud isemmi illi bejn l-2015 u l-2017 u l-konvenut bdew jiggestixxu bar gewwa Hal Luqa. Waqt dan il-perjodu l-konvenut kien raddlu tlett (3) pagamenti relatati mas-self li kellhom mieghu. Ix-xhud jichad illi bintu qatt naqset milli taghtih pagamenti li kien ihallilu l-konvenut izda kienet ghamlet pagamenti hi mieghu.

Ix-xhud jghid illi bintu u ulied il-partijiet qieghdin jghixu maghhom u li iben il-partijiet imur ghand missieru u anke jorqod ghandu. Jghid illi hekk kif jigi lura it-tifel ikun differenti u jiddeskrivi l-imgieba tat-tifel bhala suggetta ghal *switch*. Jghid illi ftit qabel ix-xhieda tieghu, it-tifel kien diehel l-iskola meta dar u rega' hareg jigri. Missieru kien lest biex jigbru minn hdejn l-iskola imma kien hemm l-ghalliema u l-attrici li waqfuh u kkonfrontawh. Jghid illi l-attrici tkun nkwetata mmens li ma ssibx kooperazzjoni minghand il-konvenut. Jghid illi l-attrici saret taf minghand it-tifel illi l-konvenut kien biddel l-impjieg tieghu u kien qieghed jahdem bil-lejl ghalhekk meta t-tifel ikun mieghu, huwa kien qieghed ihallih d-dar wahdu bil-lejl. It-tifel ried jibda jpejjep u l-attrici opponiet ghal dan. Is-soluzzjoni tat-tifel kienet li jmur joqghod erbat ijiem ghand il-konvenut fejn dan tal-ahhar ma gibidx l-istess habel tal-attrici. Ix-xhud jghid lin-neputih illi jekk izomm imgieba tajba la jikber jghaddilu d-delizzju tieghu tal-isparar fuq il-plattini. Dan jaghmlu biex jinkoraggih izda imbaghad it-tifel sema' minghand missieru illi x-xhud kien qed jghidlu hekk biex jirrikattah.

Jghid illi l-konvenut izomm id-dar fi stat traskurat ghall-ahhar u jhobb jaqla' l-inkwiet anke lix-xhud stess minghajr ma jaghti kas ta' sahhtu. Bhal meta l-konvenut mar jghid lil hu l-attrici illi x-xhud kien ta muniti tad-deheb lil iben il-partijiet meta x-xhud ikun irid jimxi mat-tfal u man-neputijiet tieghu b'mod ugwali. Hu l-attrici ha ghalih minhabba li haseb li x-xhud ma kienx ta l-istess lill-uliedu. Fil-verita' dawn kienu muniti li kienu nghataw lill-attrici xi tletin sena ilu bhal ma kienu nghataw ukoll lil hutha.

Ix-xhud jghid li bint il-partijiet ma tingiebx ma' missierha ghaliex meta beda jinqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, hija kienet t'eta' li setgha tifhem aktar u anke kien **hemm argumenti bejnha u bejn missierha fejn il-konvenut anke qalilha li ried jaghmel testijiet genetici (DNA) biex jara jekk kienitx vera bintu**.

**Joseph Debono**, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, Sezzjoni Taxxa fuq id-Dhul, (fol. 708B).ipprezenta kopja tad-dikjarazzjonijiet tad-dhul tal-partijiet sakemm kienu flimkien u tal-attrici. Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2023, l-istess xhud ipprezenta d-dikjarazzjonijiet tad-dhul tal-konvenut.

**Cheryl Quadarella**, in rapprezentanza tal-*HSBC Life* (fol. 713) pprezentat kopja ta' polza ta' tfaddil li l-kovenut kellu mas-socjeta' rapprezentata, liema polza ghalqet f'Gunju 2020 (fol. 722) b'dan li l-**konvenut thallas l-ammont ta' hamest elef erba' mija disgha u erbghin euro u tnejn u sitting centezmu (Eur5449.62**) dak iz-zmien li ghalqet. Ix-xhud ezebixxiet kopja ta' *records* ta' polza tat-tfaddil f'isem l-attrici li ghadha effettiva u rrimarkat illi l-pagamenti fil-prezent qed isiru minn kont intestat f'isem il-konvenut wahdu; kif ukoll ta' polza ohra li l-partijiet kellhom konguntivament izda li ghalqet fis-sena 2015 (fol. 733).

---

Il-konvenut **DF,** xehed quddiem din il-Qorti (a fol. 364) u qal illi hu kien xoghol ghaliex kien minghalih li martu u t-tfal kienu sejrin Ghawdex. Kien cempillu t-tifel u qallu li kien qieghed wahdu d-dar minhabba li l-attrici ma kienetx haditu maghha bhala kastig ghaliex kien kisser hgiega u li ma kienx mar l-iskola fil-granet ta' qabel. Jghid illi dan l-agir kien konsegwenza tal-fatt li iben il-partijiet kien ra lill-attrici tkisser hi fil-proprjeta' proprju l-gimgha ta' qabel. Wara li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali, it-tifel kien mar jorqod jumejn maghha izda imbaghad kien cempillu li ma kienx jiflah joqghod maghha u li ried imur lura mal-konvenut. Jghid illi l-Hadd precedenti ghas-seduta l-attrici kienet harget lit-tifel maghha izda dan kien cempillu biex imur ghalih ghax ma felahx jqatta aktar hin m'ommu. Xehed illi t-tifel hadu darbtejn l-Agenzija Appogg izda imbaghad it-tifel stess qalilhom illi ma kellux ghalfejn imur aktar ghaliex hu jkun irrabjat meta jkun m'ommu. Il-konvenut ukoll ezebixxa sentenza tal-Qorti tal-Appell li permezz taghha gie liberat mill-imputazzjonijiet kontrih dwar li kien allegatament hebb ghal bintu u dan minhabba li l-Qorti tal-Appell sabet il-verzjoni ta' bint il-partijiet bhala inkonsistenti.

Il-konvenut intavola nota nhar l-14 t'April 2023 (fol. 619) li permezz taghha ssottometta l-konteggi tieghu tal-hlasijiet li ghamel hu ghas-self bankarju. Il-konvenut jghid li ghandu jiehu lura l-manteniment li hallas ghal sittax-il xahar u cjoe bejn Mejju 2020 sa Settembru 2021. Min-naha tieghu l-konvenut jghid illi iben il-partijiet qieghed jirrisjedi mieghu u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut ghalih. Jghid illi l-attrici trid tirrifondi lill-konvenut nofs il-pagament tas-self li saru minnu kif qed tippretendi li jaghmel hu fin-nota taghha, ghalhekk l-attrici ghandha elfejn sitt mija hamsa u hamsin euro u wiehed u hamsin centezmu (Eur2655.51) xi thallas lill-konvenut, oltre ghat-tlett eled u sitt mitt euro (Eur3,600) li jirraprezentaw il-manteniment li hallas hu u li ma kienx dovut.

Il-Konvenut **DF**, xehed (fol. 743) u sostna  illi kien iltaqa' mal-attrici ghax kien habib ta' huha. L-attrici kienet ser tizzewweg lil haddiehor, u kienet hasret biex johorgu flimkien. Kellhom relazzjoni qasira u zzewgu qabel ghalqu s-sentejn flimkien. Jghid illi zzewgu u kellhom liz-zewgt itfal u ma kellhomx problemi ghal ghoxrin (20) sena. Imbaghad beda jinnota l-problemi. L-attrici bdiet tqatta' hafna hin 'il boghod minnu u darba sabilha messagg ta' xi hadd barrani u hi stess qaltlu li ma ridetx tibqa' mieghu. Kienet ghamlet qisu tlett (3) xhur titkellem apertament ma' dan ir-ragel l-iehor quddiemu u quddiem it-tfal. Kienu marru ghand psikologu biex jippruvaw jirrangaw id-differenzi ta' bejniethom. Jghid illi s-self fuq id-dar matrimonajli dejjem hu halsu kif ukoll hallas is-self li kellhom sabiex xtraw karozza u l-kontijiet ta' l-utilitajiet. Min-naha taghha, l-attrici kienet thallas ghax-xiri tal-hajja. Jghid illi l-ispejjez tat-tfal kienu jhalsuhom daqqa hi u daqqa hu, skont min imur jixtri.

Il-konvenut xehed li hu jahdem bhala ufficjal tas-sigurta' filwaqt li l-attrici tahdem bhala *manager* izda ma jafx kemm taqla'. Id-dar matrimonjali nbieghet mill-partijiet u r-rikavat inqasam bejn iz-zewg partijiet f'ishma ugwali mill-bank. Il-konvenut jippretendi illi jigi rifuz il-hlasijiet li hu ghamel aktar matul iz-zwieg. Jippretendi li bhalma bieghu d-dar matrimonjali ibieghu z-zewg vetturi li ghandhom biex issir ekwiparazzjoni bejn il-valuri taghhom u dan minhabba li hu jsuq vettura antika mentri l-attrici ssuq vettura li l-partijiet xtraw gdida. Wara li sseparaw, l-attrici bdiet thallas il-pagamenti mensili fuq il-vettura li tuza' hi izda l-konvenut xorta jippretendi li jigi rifuz ta' dawk il-pagamenti li ghamel hu waqt iz-zwieg ghaliex il-valuri tal-karozzi mhux l-istess. Jghid ukoll illi apparti t-tfal huma flimkien kellhom ukoll l-annimali u li dawn

baqghu ghand il-konvenut wara li l-attrici telqet mid-dar. Ghalhekk il-konvenut jippretendi li jigi rifuz nofs l-ispejjez li ghamel ghal dawn l-annimali liema spejjez jinkludu l-ikel u vizti ghand il-veterinarju.

Il-konvenut ezebixxa affidavit (a fol. 750) li permezz tieghu kkonferma illi hu qieghed ihallas l-ammont ta' mitejn, hamsa u ghoxrin euro (Eur225) bhala manteniment ghall-iben il-partijiet minhabba li bint il-partijiet ormai ghalqet l-erbgha u ghoxrin sena (24). Jghid illi l-pagament mensili relattat mas-self tal-partijiet ghad-dar matrimonjali dejjem thallas minnu, kemm meta l-partijiet kienu flimkien, kif ukoll wara li nfirdu. Fl-ahhar sentejn u erba' (4) xhur l-attrici kienet bdiet tibghatlu sehemha mill-pagament biex b'hekk kienu qed johorgu ndaqs. Wara li nbieghet id-dar, tnaqqas il-bilanc rimanenti tas-self u r-rikavat inqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Madanakollu, il-konvenut jghid illi xorta ghandu jiehu c-cifra ta' elfejn u tmenin euro (Eur2080) minghand l-attrici li jirraprezentaw ghoxrin (20) xahar.

Il-konvenut jitkellem fuq il-pretensjoni tal-attrici li jhallas l-ammont ta' hamest elef, disa' mija sitta u tletin u sebgha u ghoxrin centezmu (Eur5936.27) rapprezentanti sehmu minn spejjez ta' sahha u edukazzjoni. Jghid illi f'dan l-ammont hemm inkluz il-hlas ta' *laptop* li l-attrici allegatament xtrat ghal bint il-partijiet izda l-ircevuta harget fuq huha u ghalhekk il-konvenut ma jifhimx ghalfejn ghandu jhallas ghal xi haga li xtara hu l-attrici u mhux hi. L-ammont korrispondenti ghat-tieni *laptop* li nxtara ghal iben il-partijiet, ma jridx ihalsu minhabba li l-attrici kellha ggib tlett fatturi imbaghad jiddeciedu flimkien liema kienu se jixtru. Minflok l-attrici qabdet u xtrat il-*laptop* imbaghad ipprezentatlu l-ircevuta. Huwa kien xtara kompjuter u ma kienx talab nofs il-prezz lill-attrici. M'ghandhux oggezzjoni li jhallas ghall-ammonti rimanenti mill-ispejjez. Dwar il-pretensjoni tal-attrici li jhallas manteniment ghat-tifel tal-partijiet ghal perjodu ta' bejn Awwissu 2021 u Ottubru 2023, huwa jghid illi filfatt it-tifel kien qieghed jirrisjedi mieghu ghal sitt (6) xhur minn dawk ix-xhur u ghalhekk l-ammont korrispondenti ghandu jitnaqqas minn tali somma pretiza. Huwa jghid illi sabiex ma jehilx penali fil-proceduri kriminali fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' hlas ta' manteniment, il-konvenut kien hallas l-ammont totali ta' tmient elef u mitt euro (Eur8100). Fir-rigward tal-manteniment ghal bint il-partijiet, il-konvenut ma jaqbilx mal-allegazzjoni tal-attrici illi ghandu jigi rifuz l-ammonti mhalsin ghax xhur ta'

Dicembru 2020 sa Lulju 2021 u ghalhekk tmien (8) xhur izda skont hu, il-hlas zejjed kien minn Mejju 2020 sa Settembru 2021.

Il-konvenut jghid illi l-partijiet kellhom zewgt vetturi bejniethom. Wahda minn dawn il-vetturi giet trasferita u registrata fuq l-attrici liema vettura ghandha valur ta' sebat elef euro (Eur7000) filwaqt li l-vettura li tinsab registrata fuq il-konvenut ghandha l-valur ta' elfejn u hamsin euro (Eru2050) skont polza tal-assikurazzjoni li pprezentat l-attrici. Madanakollu huwa jghid illi skont is-socjeta' tal-assikurazzjoni li maghha l-partijiet jinsabu abbonati, il-valur tal-vettura tieghu huwa dak ta' tlett elef euro (Eur3000). Skont l-istess socjeta' tal-assikurazzjoni, il-valur tal-vettura tal-attrici huwa dak ta' disat elef u hames mitt euro (Eur9,500) u mhux kif indikat mill-attrici. Jghid illi l-attrici halset l-ammont ta' elf u erba mitt euro (Eur1,400) fuq is-self tal-karozza minn sehma tar-rikavat tad-dar u ghalhekk dan l-ammont ghandu jitnaqqas qabel isir ekwiparazjoni bejn il-partijiet.

Il-konvenut jghaddi biex jaghmel il-konteggi u jghid li fl-ahhar mill-ahhar hija l-attrici li ghandha taghti lilu u mhux bil-kontra u dan fl-ammont ta' elf, disa' mija u erbatax-il euro u centezmu (Eur1914.01) (fol. 753). Oltre minn hekk, il-konvenut hallas il-kontijiet tal-utilitajiet minn wara li l-partijiet infirdu sakemm inbieghet id-dar matrimonjali.

Fil-kontroezami li sar lilu waqt is-seduta tal-24 t'April 2025, il-konvenut jiddikjara illi huwa m'ghandhux oggezzjoni li apparti l-manteniment ghat-tifel, huwa jibqa' jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' firda personali u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li diga' giet xolta u terminata minn din il-Qorti permezz ta' sentenza in parte. Jirrizulta illi hemm qbil fuq hafna mill-vertenzi li kien hemm fil-kontenzjuz fil-

bidu tal-proceduri u kien jonqos ftit vertenzi fuq konteggi parti mill-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li din il-Qorti tqis bhala kwistjonijiet ta' pika aktar milli xejn.

Madanakollu, din il-Qorti sejra sabiex tezamina l-gurisprudenza u d-dettami tal-ligi applikabbli ghal kaz odjern:

***Dwar it-Tkissir taz-Zwieg***

Fir-rigward ta' **sevizzi**, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*** [2]

---

[2] Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti, Qorti tal-Appell Civili deciza 15 ta' Dicembru 2015.

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali b'referenza ghal vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz odjern din il-Qorti taghmel referenza ghal verzjoni tal-attrici li ma gietx kontradetta bl-ebda mod fejn l-attrici qalet li ghal snin twal kienet taghmel kollox hi ghaliex l-intimat wara x-xoghol kien imur jistharreg id-delizzju tieghu tal-bocci, minflok jghin fit-trobbija ta' uliedu. Taghmel referenza wkoll ghall-fatt li l-intimat ma kienx jikkontribwixxi ghall-ispejjez tat-trobbija tal-minuri, tant li l-attrici kellha diversi drabi tistaqsi lill-missierha ghal flus. Din il-verzjoni giet sostanzjata minn missier l-attrici li x-xhieda tieghu wkoll ma gietx kontradetta mill-intimat. Waqt ix-xhieda u fl-affidavit tieghu, il-konvenut jaghmel enfasi fuq il-fatt li hu kien ihallas il-pagamenti mensili tas-self bankarju li kellhom il-partijiet u l-kontijiet tal-utilitajiet tad-dar matrimonjali. Din l-enfasi tohrog naturalment mill-fatt li dan kien l-uniku kontribut li kien jaghmel il-konvenut ghall-familja tieghu. Madanakollu, meta wiehed iqies illi l-intimat kien jahdem gurnata iva u gurnata le filwaqt li l-attrici kienet tahdem kuljum, twassal u tigbor lill-minuri ghall-attivitajiet extrakurrikulari, issajjar u taghmel il-bzonnijiet kollha fid-dar matrimonjali, johrog carissimu illi ma kien hemm l-ebda tip ta' bilanc fil-qasma ta' hidma u responsabilitajiet tal-genituri. Dan naturalment wassal ghal hafna rizentiment da parti tal-attrici. Hemm qbil fil-verzjonijiet tal-partijiet li fittxew l-ghajnuna tard wisq u ma rnexxitx. Kien f'dan il-punt illi l-attrici fitxet l-attenzjoni ta' ragel iehor u r-reazzjoni tal-intimat kien li jsir vjolenti u jidhol f'pika esagerata. Din l-istess pika baqghet ghaddejja billi pprova ghal zmien twil jikkonvinci lill-minuri, iben il-partijiet, jirrisjedi mieghu u dan billi kien ihallih f'liberta' assoluta minghajr ebda korrezzjoni jew tmexxija.

Din il-Qorti tqis illi z-zwieg tal-partijiet kien diga tkisser irrimedjabilment meta bdew l-incidenti ta' vjolenza domestika bejn il-partijiet. Il-Qorti ghandha quddiemha rapporti mal-Pulizija mghamula miz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti ghalhekk tasal fil-konkluzjoni illi z-zewg partijiet kienu jigu aggressivi lejn xulxin sforz ir-rizentiment kollu li kien inzera' bejniethom. Naturalment it-tfal tal-partijiet inqabdu f'din id-dinamika u bdew jagixxu bl-istess mod, fejn ghalhekk din il-familja spiccat b'incident ta' vjolenza domestika bejn il-Missier u l-bint u b'atti ta' vjolenza mill-iben ghal fuq l-omm.

Din il-Qorti nnotat wkoll l-attegjament tal-konvenut illi waqt it-testimonjanzi tieghu u fl-affidavit tieghu jitkellem fuq il-kontijiet tieghu – li kien ihallas is-self bankarju mill-kont tieghu, mill-paga tieghu meta kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex temmen il-verzjoni tal-attrici illi l-konvenut kien ihallas is-self bankarju u l-kontijiet tal-utilitajiet waqt li hi kienet thallas ghall- hajja u l-ispejjez kollha tat-tfal, qabel ma' infirdu. Madanakollu, ghaliex il-partijiet kienu jamministraw il-flus b'dan il-mod ma jfissirx illi r-ragunament taghhom huwa korrett. Ladarba kien hemm il-komunjoni, kull pagament li sar, sar f'isem iz-zewg partijiet. L-ispejjez saru miz-zewg partijiet. Il-flejjes kollha li dahlu fil-kontijiet kollha – kongunti jew intestati ndividwalment – kienu taz-zewg partijiet. Jsegwi ghalhekk illi meta l-intimat kien qieghed ihalli lill-martu u lit-tfal tieghu nieqsa mill-flus, li huwa forma ta' kontroll u abbuz - hu kien qieghed icahhad lill-martu minn dak li legalment kien taghha ukoll. Galadarba il-konvenut kellu flejjes x'jonfoq fuq id-delizzju tieghu, inkluz safar regolari, il-fatt li l-attrici kienet kostretta ddur fuq missiera ghall-assistenza finanzjarja f'dawn ic-cirkostanzi jindika indifferenza konsiderevoli u krudelta finanzjarja. Ezempju car ta'din il-krudelta finanzjarja hija li l-intimat irrifjuta li jixtri *washing machine* ghall-bzonnijiet tat-tfal tieghu u tal-attrici u wasal sabiex xorta wahda xtara magna tal-hasil izda qafilha bil-katnazz sabiex l-attrici ma tkunx tista' tuzaha u l-attrici spiccat isselfet minghand missierha. Dan huwa agir deplorabbli.

Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi z-zwieg tal-partijiet tkissier b'mod irrimedjabli ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Il-Qorti taghraf di piu' illi l-attrici sussegwentement ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti kellha relazzjoni adultera ma terza persuna. Il-Qorti tqis illi minkejja li din ma kienitx ir-raguni ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti taghraf illi l-attrici ma missiex bdiet relazzjoni ma terza persuna qabel is-separazzjoni bejn il-kontendenti saret definittiva u ghaldaqstant ma tistax tiskolpa lill-attrici minn certu htija.

***<u>Dwar il-kura u l-kustodja u l-access tal-minuri</u>***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li fejn si tratta ta tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox il-principju ewlieni ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [3] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...**"*

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt***

[3] Enfazi tal-Qorti.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

> ***ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[6] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Ikkonsidrat:**

Fil-bidu tal-proceduri odjerni, il-vertenzi bejn il-partijiet relatati mat-tfal kienu jikkoncernaw liz-zewgt itfal taghhom. Ilum-il gurnata bint il-partijiet mhux talli hija maggorenni talli ukoll ghalqet l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena u ghalhekk m'ghadhiex intitolata ghall- manteniment minghand missierha. Din il-Qorti tirrikonoxxi l-hsara li saret mill-konvenut fuq ir-relazzjoni tieghu ma' bintu meta f'perjodu ta' rabja u frustrazzjoni ghax iz-zwieg tal-partijiet kien tkisser, qal kliem iebes lil bintu u cjoe li ried jaghmel test genetiku biex jikkonferma jekk hix verament bintu. Dan wassal ghal incident ta' vjolenza u l-Qorti kompetenti ddecidied fuqu. Din il-Qorti ma jirrizultalha l-ebda tentattiv da parti tal-konvenut sabiex ikun hemm *rapproachment* ma' bintu u meta xehed quddiemha stqarr b'mod l-aktar fattwali illi ma kellux relazzjoni ma' bintu u li kien ilu s-snin ma jkellimha. Dan l-attitudni titfa dawl fuq il-karattru tal-Missier u fuq l-abilta' tieghu ta' genitur.
Ilum-il gurnata m'hemm xejn ghal din il-Qorti x'tiddeciedi fir-rigward ta' bint il-partijiet.

Fejn jidhol iben il-partijiet CF, din il-Qorti tirrikonoxxi illi dan it-tifel inqabad fin-nofs bejn iz-zewg genituri. Din il-Qorti tikkundanna l-agir tal-Missier illi sabiex it-tifel jaghzel li jirrisjedi mieghu u b'hekk ma jkollu jhallas manteniment lill-attrici, kien ihallih f'liberta' assoluta minghajr korrezzjoni jew gwida. Din il-Qorti rat kif it-tifel t'eta' zghira kien jithalla wahdu meta missieru kien imur xoghol ta' bil-lejl, kien jithalla wahdu go bar fil-lokalita' tal-partijiet, kien jithalla imur jistad meta l-minuri kien ikun jaf li kellu kastig minghand ommu, kien jithalla jqatta' hin twil jilghab u jikkonma

[6] Enfazi tal-Qorti.

xarbiet li ma jaghmlux tajjeb tant li l-minuri kellu kollezzjoni taghhom, ma kienx jigi kkoreggut fuq kif kien ikellem lill-ommu, kien jithalla ma jmurx skola u privatijiet u sahansitra kien hemm darba meta l-konvenut gabar lill-minuri mill-iskola meta dan harab minn hemm bl-ghalliema u ommu jigru warajh. Din il-liberta' eccessiva u nuqqas ta' stabbilta' ma jurux abilta' tajba ta' genitur izda jippuntaw lejn genitur li jpoggi l-interessi tieghu qabel dawk tal-wild.

Kien ghalhekk li din il-Qorti konsistentement cahdet it-talbiet tal-konvenut sabiex tbiddel ir-residenza tal-iben matul il-proceduri. Ilum-il gurnata l-Qorti hija konsapevoli li hemm qbil bejn il-partijiet li l-minuri jibqa' jirrisjedi mal-attrici Omm matul il-gimgha u jibqa' jmur ghall-access ma' missieru fi tmiem il-gimgha. Il-Qorti giet mgharfa illi komunikazzjoni dwar l-access issir direttament mal-minuri u dan jghazel jekk imurx ghand il-konvenut Missier jew le skont l-impenji u l-attivitajiet socjali tieghu. B'mod generali din il-Qorti tistieden lill-attrici Omm sabiex theggeg lill-minuri iqatta' l-access mal-Missier izda il-komunikazzjoni ghandha tibqa' direttament mal-minuri li llum-il gurnata huwa adoloxxenti, kif giet infurmata li jsehh.

***<u>Dwar il-manteniment ghall-ulied</u>***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-**Qorti tal-Appell** fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz odjern, din il-Qorti giet infurmata fl-ahhar udjenza illi hemm qbil bejn il-partijiet illi m'hemmx lok ghall-manteniment ghall-attrici stante li din dejjem hadmet u li l-manteniment ghall-bzonnijiet ta' iben il-partijiet jibqa' jithallas fil-modalita' li hemm fil-prezent. Dan ifisser li l-konvenut Missier ihallas mitejn hamsa u ghoxrin euro (Eur225) fix-xahar bhala kontribuzzjoni ghat-trobbija tal-minuri liema manteniment ghandu jithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar bil-quddiem u ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Kemm-il darba l-minuri jibqa' jistudja fuq bazi *full-time* l-manteniment jibqa' jithallas sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jittermina l-istudji tieghu skont liema cirkostanza tivverifika ruhha l-ewwel. Kemm-il darba l-minuri ma jibqax jirrisjedi mal-attrici bejn l-eta' ta' tmintax (18)-il sena sakemm il-manteniment jibqa' dovut, tali manteniment irid jigi vversat direttament lill-minuri.

Oltre ghall-manteniment, il-konvenut Missier huwa obbligat ihallas ukoll nofs l-ispejjez li jsiru mill-Omm relatati mas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari tal-istess minuri CF. Dawn l-ispejjez ghandhom jigu saldati fi zmien gimgha minn meta l-attrici tghaddi kopja tal-fattura jew l-ircevuta lill-konvenut Missier.

***Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti***

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak pronunzjat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Frar 1950 fis-sentenza bl-ismijiet ***Farmacista Giuseppe Debono vs Felice Mercieca,*** kif isegwi:

> ***Jinghad ukoll li d-drittijiet tar-ragel u l-mara mizzewgin ghall-komunjoni, salv disposizzjonijiet ohra tal-ligi, jibdew minn dak in-nhar taz-zwieg, u jispiccaw malli jinhall iz-zwieg (art. 1363 (art. 1319) Kodici Civili. L-akkwisti, wara li jitnaqqsu d-djun, jappartjenu lir-ragel u l-mara f'porzjonijiet ugwali…. Liema akkwisti jidhlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti jinghad fl-art. 1364 (art. 1320), u fost dawn, l-artikolu jrid li tidhol il-proprjeta' akkwistata bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ghalkemm l-akkwist ta' dawna l-hwejjeg ikun sar fl-isem tar-ragel biss jew tal-mara biss; u fl-art. 1365 (art. 1321) tal-Kodici Civili giet mahluqa l-presunzjoni, f'nuqqas ta' prova "in contrario", li kull ma huwa fil-pussess tal-mara u r-ragel, jew wiehed jew wahda minnhom, huwa prezunt akkwist, salv dak li jinghad fis-subsezzjoni (2) ta' l-istess artikolu.***

Il-pern tal-kontenzjoni kollha ta' bejn il-partijiet huwa rigward l-ahhar konteggi fid-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fejn id-dar matrimonjali diga giet mibjugha pendente lite, id-dejn mal-bank saldat u rrekavat diviz ugwalment bejn il-partijiet bi ftehiem taghhom.

Din il-Qorti tibda billi tistabilixxi illi l-partijiet izzewgu nhar is- sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) u ghalhekk din hija d-data ta' meta l-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita'. Il-proceduri odjerni inbdew f'Marzu 2021 filwaqt li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali f'Novembru 2021.

**L-istess komunjoni tal-akkwisti giet terminata minn din il-Qorti permezz tas-sentenza *in parte* li nghatat nhar l-4 ta' Mejju 2023 (fol. 652).**

Kif diga inghat, din il-Qorti giet infurmata illi d-dar matrimonjali tal-partijiet giet mibjugha minnhom fil-mori tal-proceduri. Ghalhekk m'hemmx proprjeta' immobbli li din il-Qorti trid tiddividi. Mal-bejgh tad-dar matrimonjali, is-self bankarju gie saldat u r-rikavat inqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Il-vertenzi pendenti bejn il-partijiet jirrelataw ghal konteggi pjuttost minuri, ta' min ghandu jaghti lil min u ta' xiex. Dawn il-vertenzi specifici gew indirizzati mill-attrici fin-nota ntavolata minnha fil-15 ta' Marzu 2023 (fol. 571) u mill-konvenut fl-affidavitipprezentat minnu fl-20 ta' Novembru 2024 (fol. 750) u din il-Qorti ser tindirizzahom fl-istess sekwenza:

***A) Pagamenti relatati mas-self bankarju fuq id-dar matrimonjali***

L-attrici tippretendi li tigi rifuza l-ammonti li halset unikament wahedha bejn Ottubru 2020 u Frar 2023 fl-ammont ta' elfejn, disa' mija sebgha u sitting euro u disgha u tmenin centezmu **(Eur2967.89).** Min-naha tieghu l-konvenut jghid illi s-self dejjem halsu hu mill-kont tieghu. Kif diga' rriteniet din il-Qorti, il-pagamenti li saru waqt iz-zwieg tal-partijiet saru bhala parti mill-komunjoni f'isem iz-zewg partijiet irrispettiv minn fejn hargu l-pagamenti. Madanakollu din il-Qorti tgharaf li kien hemm perjodu ezatt qabel is-separazzjoni fejn il-pagament kien qieghed jittiehed mill-kont intestat f'isem il-konvenut u l-**pagament jerga' jigi rifuz mill-bank** minhabba **nuqqas** ta' fondi fil-kont. Dan johrog mix-xhieda tar-rapprezentanta tal-Bank, Lorraine Attard (fol. 122). Ghalhekk ghal dawk ix-xhur elenkati mill-attrici**, l-attrici kienet qieghda thallas ghas-self bankarju kif ukoll ghall-hajja u t-trobbija tat-tfal u cjoe kienet qed terfa' l-piz finanzjarju kollu hi.** Ladarba l-ftehim li kellhom il-partijiet kien li l-konvenut jiehu hsieb s-self bankarju u l-kontijiet u l-attrici thallas l-ispejjez tal-hajja u t-trobbija, il-konvenut irid jirrifondi nofs dawk il-pagamenti li saru esklussivament mill-attrici sabiex ikun hemm xi forma ta' bilanc skont l-istess ftehim. Din il-Qorti qieghda tghid hekk ghaliex certa li t-trobbija tat-tfal u l-ispejjez tal-hajja kienu jeccedu bil-bosta l-ammont tal-pagament mensili tas-self bankarju u ghalhekk xorta kien hemm zbilanc

fil-kontribuzzjonijiet tal-partijiet imma ghallinqas, jekk kien hemm dak il-ftehim, il-kovenut ghandu jara li jonorah. Mill-bidu tal-proceduri odjerni, il-konvenut kellu digriet sabiex ihallas manteniment u ghalhekk jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja u t-trobbija u ghalhekk is-self bankarju kellu imbaghad jigi mhallas f'ishma ugwali bejn il-partijiet biex ikun hemm ekwita'.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tordna lill-konvenut jirrifondi lill-attrici **nofs** l-ammonti li halset unikament hi kif elenkati fin-nota taghha u ghalhekk ghandu jhallas l-ammont ta' elf u tnejn u ghoxrin euro u hamsa u tmenin centezmu (**Eur1,022.85**).

***B)  Skeda tat-tfaddil***

Il-konvenut jgharaf illi din l-iskema thalset waqt iz-zwieg u ghalhekk ladarba zamm l-ammont kollu hu meta giet likwidatat,  ghandu jhallas nofs dak l-ammont ritenuto u cioe is-somma ta' elfejn u hames mija **(eur2,500**) lill-attrici bhala ekwiparazzjoni.

***C)  Arretrati ta' spejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tfal***

L-attrici tikkontendi li hemm l-ammont ta' hamest elef, disa' mija sitta u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmu **(Eur5,936.27)** x'jigu saldati mill-konvenut. Min-naha tieghu l-konvenut joggezzjona ghall-ispejjez relatati mal-*laptops* li nxtraw lit-tfal waqt li jsostni li m'ghandhux oggezzjoni jhallas l-ammont rimanenti wara li jitnaqsu dawn.

Din il-Qorti hija konxja li fi stadju bikri tal-proceduri, kien hemm vertenza bejn il-partijiet fuq dawn il-*laptops* mixtrija ghat-tfal. Fl-affidavit taghah l-attrici qalet kif kellha tixtri *laptop* lit-tifla li kien pjuttost avvanzat minhabba l-istudji li ghazlet it-tifla. Hija kienet kelmet lill-konvenut kien irrifjuta li jhallas ghal dan il-*laptop* tant li l-attrici kellha ddur fuq huha li sellifha l-ammont necessarju u l-attrici kienet thallas mitt euro (Eur100) lura lil huha fix-xahar. Ghal din il-Qorti hija gustifikata li l-ircevuta tal-*laptop* inharget fuq hu l-attrici ghaliex hekk biss setgha jkun sikur li setgha jissalvagwadja l-interessi tieghu ghal dan is-self. Il-konvenut kellu kull opportunita' sabiex

jikkontradixxi t-testimonjanza tal-attrici jew li jtella' lil huha bhala xhud – mizuri li ma hax u ghalhekk ma jistax issa jqajjem dubju dwar il-veracita' ta' din id-dikjarazzjoni fis-sottomissjonijiet tieghu. Din il-Qorti temmen li l-*laptop* inxtara ghall-istudji tat-tifla minhabba l-konsistenza fid-dikjarazzjonijiet tal-attrici u ghalhekk tichad l-oggezzjoni tal-konvenut. Fir-rigward tal-*laptop* li nxtara ghat-tifel tal-partijiet, dan ix-xiri kien suggett ta' rikors intavolat mill-attrici fis-26 ta' Marzu 2021 (fol. 34) u din il-Qorti diga ordnat fid-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 2021 (fol. 122A) li l-konvenut irid ihallas sehmu mill-ispiza sabiex jinxtara *laptop*. Huwa irrelevanti li l-konvenut xtara kompjuter ghal-loghob ghall-istess minuri. Dan ghamlu *buona volonta'* tieghu sabiex jirbah aktar lill-minuri. Kien diga' konsapevoli tat-talba tal-attrici u ghalhekk il-Qorti zzomm ferm mad-digriet taghha u l-konvenut irid ihallas sehmu minn tali *laptop*.

Illi ghalhekk, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konvenut irid jirrifondi lill-attrici l-ammont kollu ta' hamest elef, disa' mija sitta u tletin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (**Eur5,936.27**).

### *D) Arretrati ta' manteniment li thalsu ghal bint il-partijiet*

Il-pretensjoni tal-konvenut Missier f'dan ir-rigward hija illi ghandu jigi rifuz il-manteniment illi hu kien hallas ghal bint il-partijiet meta din kienet diga ghalqet l-eta' ta' tmintax (18) – il sena meta **suppost** kienet qieghda tistudja fuq bazi *full-time*. Jghid illi dan ma kienx minnu ghaliex bint il-partijiet irrezenjat mill-istudji taghha u ghalhekk ghandu jigi rifuz l-ammonti li hu hallas bejn Mejju 2020 u Settembru 2021. Min-naha taghha l-attrici tghid illi l-manteniment li ghandu jigi rifuz huwa dak tax-xhur bejn Dicembru 2020 u Lulju 2021.

Mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti, specifikament mix-xhieda tar-rapprezentanta tal-Universita' ta' Malta, Carmen Mangion (fol. 388) jirrizulta illi bint il-partijiet kienet filfatt bdiet l-istudji taghha f'Ottubru 2020 fuq bazi provizorja sakemm hargu r-rizultati tal-Matrikola. Kien proprju wara dawn ir-rizultati illi l-Universita' waqfet lil bint il-partijiet minhabba li ma gabitx rizultati tajbin bizzejjed biex jissodisfaw il-kriterji li l-istudenti kellhom bzonn ghall- kors li kienet ghazlet.

Minn din it-testimonjanza johrog bic-car illi sa Ottubru 2020 bint il-partijiet zgur li kienet ghadha ghaddejja bl-istudji taghha kemm fis-sajf biex tat l-ezamijiet tal-Matrikola li rrizultati taghhom hargu wara Ottubru u anke fix-xahar ta' Ottubru possibilment ix-xhur sussegwenti sakemm hargu r-rizultati u d-decizjoni tal-Universita' giet komunikata lil bint il-partijiet. Ghalhekk il-verzjoni tal-attrici hija aktar verosimili u ghalhekk ix-xhur li ma kellux jithallas manteniment skont il-ligi kienu dawk bejn **Dicembru 2020 u Lulju 2021**. Ghaldaqstant **il-konvenut irid jigi rifuz lura l-ammont ta elf u tmien mitt euro (Eur1,800)** li huma rapprezentanti l-manteniment **ghal tmien (8) xhur**.

### *E) Arretrati ta' manteniment li ma thallasx ghat-tifel tal-partijiet*

Il-pretensjoni tal-attrici hija li l-konvenut ma hallasx l-manteniment li hu kellu jhallas b'ordni ta' din il-Qorti ghax-xhur ta' bejn Awwissu 2021 u Ottubru 2023 li jammontaw ghal sitta u ghoxrin (26) xhar. Tikkwalifika li kien hemm xahar li iben il-partijiet qattghu kontinwament ghand il-konvenut u ghalhekk tnaqsu mill-konteggi taghha b'dan li l-ammont li hu dovut lilha huwa dak ta' hdax-il elf, erba' mija u hamsa u sebghin euro (**Eur11,475**). Il-konvenut min-naha l-ohra pprezenta kopja ta' djarju li fih zamm rendikont meta l-wild kien mieghu u meta kien mal-attrici. Jghid illi l-minuri kien kontinwament mieghu ghal sitt xhur minn dawk ix-xhur li ssemmi l-attrici u ghalhekk l-ammont korrispondenti ghal sitt (6) xhur irid jitnaqqas, u mhux l-ammont ta' xahar wiehed biss.

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha tat-13 t'April 2021 li permezz tieghu din il-Qorti kienet ordnat li l-minuri jkollu r-residenza ordinarja tieghu mal-attrici Omm. Dan id-digriet kien motivat fid-decizjoni tieghu u ghalhekk meta l-konvenut ghazel li jzomm lit-tifel mieghu, kien mhux biss qieghed jagixxi kontra l-interessi tat-tifel kif diga' spjegat din il-Qorti aktar 'il fuq, izda li jmur kontra d-digriet ta' din il-Qorti. Li kieku din il-Qorti issa kellha tilqa' t-talba tieghu u thalli sitwazzjoni li l-konvenut jigi ma jkunx hallas il-manteniment, din il-Qorti tkun qed taghti l-barka taghha biex kwalunkwe parti fi proceduri tagixxi 'l hinn 'l hinn mill-ordnijiet moghtija minnha. Il-konvenut ghazel li jzomm lill-iben il-partijiet ghall- ragunijiet tieghu, meta, li kieku kien genitur responsabbli, kien igeghlu jmur lura ghand ommu u jgib rispett lejha u lejn il-mizuri ta' dixxiplina ragonevoli taghha. Ghalhekk m'hemm l-ebda

gustifikazzjoni ghalfejn il-konvenut ghandu jgawdi minn tali decizjoni arbitrarja u ghalhekk irid ihallas l-ammont kollu tal-manteniment skont l-ordni ta' din il-Qorti.

Il-Qorti hija konsapevoli illi sabiex ma jehilx il-pieni ta' habs, il-konvenut diga' hallas l-ammont ta' tmient elef u mitt euro (Eur8,100) ghalhekk il-konvenut ghadu jrid ihallas l-ammont ta' tlett elef u sitt mitt euro (**Eur3,600**) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghall-iben il-partijiet li ma hallasx.

***F) Ekwiparazzjoni tal-Vetturi tal-partijiet***

L-attrici resqet dokumenti ta' socjeta' assikurattiva li juru l-valur tal-vetturi rispettivi tal-partijiet. Gie kjarifikat lil din il-Qorti illi fil-mori tal-proceduri, vettura li tappartjeni lill-partijiet giet registrata fuq l-attrici u llum tinsab fil-pussess taghha. Madanakollu hemm zbilanc fil-valuri tal-vetturi. Il-konvenutipprezenta dokumenti rilaxxati mis-socjeta' assikurattiva tal-vetturi li maghha kienu assigurati l-vetturi tal-partijiet. Din il-Qorti xorta m'ghandhiex konferma dwar l-awtenticita' tad-dokumenti pprezentati. Idejalment il-konvenut kellu jipproduci rapprezentanti tas-socjetajiet rispettivi bhala xhud u jkunu tali rapprezentanti li jipprezentaw l-istejjem. Fin-nuqqas ta' dan, din il-Qorti m'ghandhiex bazi ghalfejn ghandha tmur ghal valur mahrug minn socjeta' u mhux ghal valur mahrug mis-socjeta' l-ohra. F'tali sitwazzjoni, din il-Qorti sejra tiehu l-**medja tal-valuri** fil-kaz taz-zewg vetturi. Ghalhekk il-medja tal-valur tal-vettura li hija llum registrata fuq l-attrici li hi tal-ghamla "Renault Clio" huwa dak ta' tmint elef, mitejn u hamsin euro (**Eur8,250**). Il-medja tal-valur tal-vettura li hija llum registrata fuq il-konvenut li hi tal-ghamla "Renault Scenic" huwa dak ta' elfejn hames mija hamsa u ghoxrin euro (**Eur2,525**). *Di piu'* il-konvenut jikkonferma illi l-attrici diga halset l-ammont ta' elf u erba' mitt euro (**Eur1400**) mir-rikavat taghha tal-bejgh tad-dar matrimonjali u ghalhekk dan irid l-ammont irid jitnaqqas mill-valur tal-vettura qabel ma jsiru l-konteggi.

Ghaldaqstant, jirrizulta illi l-attrici trid thallas lill-intimat l-ammont ta' elfejn, mija u tnejn u sittin euro u hamsin centezmu (**Eur2,162.50**) bhala **ekwiparazzjoni tal-vetturi** li nxtraw fiz-zwieg.

***G) Kontijiet tal-utilitajiet tad-dar matrimonjali***

L-ahhar pretensjoni tal-konvenut hija dik li jigi rifuz nofs l-ammonti tal-kontijiet tal-utilitajiet li hallas hu kemm ilhom li l-partijiet bdew il-proceduri ta' separazzjoni liema pretensjoni tammonta ghal elfejn hames mija disgha u sebghin euro u tletin centezmu (**Eur2579.30**).

Din il-Qorti diga ppronunzjat ruhha fuq il-kontribuzzjoni tal-konvenut matul iz-zwieg u ghalhekk qabel ma l-attrici telqet mid-dar, l-ammont li hallas il-konvenut ghall-utilitajiet kienu l-kontribuzzjoni tieghu ghal familja, oltre ghall- pagamenti mensili tas-self bankarju. L-attrici min-naha taghha kienet tiehu hsieb tal-infieq kollhu relatat mal-hajja u t-trobbija tal-familja shiha u m'hemmx ombra ta' dubju li l-kontribut finanzjarjament taghha kien ferm akbar minn dak ta' zewgha. **Ghalhekk l-ebda ekwiparazzjoni mhi dovuta ghal dan il-perjodu.**

Oltre minn hekk, minn Novembru 2021 u cjoe wara l-attrici telqet mid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied, **l-uniku konsum tal-utilitajiet li kien ihallas ghalih il-konvenut kien dak tieghu stess u ta' iben il-partijiet meta dan kien ikun waqt l-access mieghu**. Li kieku l-konvenut hareg mid-dar matrimonjali u mar f'residenza alternattiva, xorta wahda kien ser ikun qieghed ihallas ghal tali konsum. Ghalhekk din il-pretensjoni tal-konvenut hija nsostenibbli.

**Ghaldaqstant, l-attrici ghandha tircievi minghand zewgha s-segwenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Ekwiparazzjoni loan tal-bank** | **€1022.85** |
| **2.** | **Sehem l-attrici minn skeda tfaddil** | **€2500** |
| **3.** | **Arretrati ta' spejjes ta' sahha u edukazzjoni** | **€5936.27** |
| **4.** | **Arretrati ta' manteniment** | **€3600** |
| **5.** | **Total** | **€13,059.12** |

**Ghaldaqstant l-intimat ghandu jirceivi minghand l-attrici s-segwenti:**

1. **Refuzjoni ta' manteniment ghal MF minn Dicembru 2020 Sa Lulju 2021** **€1800**

| | | |
|---|---|---|
| **2.** | **Ekwiparazzjoni valur tal-karozzi** | **€2162.50** |
| **3.** | **Total** | **€3962.50** |

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat tal-attrici JF datat 17 ta' Marzu 2021, kif ukoll il-kontrotalba ntavolata mill-konvenut David Farrugia datata 13 t'April 2021 billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, primarjament ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-konvenut fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u b'tort ta l-attrici kif fuq spjegat;**

2) **Tichad it-tieni talba limitatament b'dan li l-kura u kustodja tal-minuri CF tibqa' fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet izda tordna illi r-residenza ordinarja tal-istess minuri tibqa' mal-Omm b'access mal-Missier fi tmiem il-gimgha, b'dana li l-missier ghandu jikkomunika mal-minuri direttament kif qed isir prezentement.**

3) **Tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-minuri CF u tordna lill-konvenut ihallas mitejn hamsa u ghoxrin euro (Eur225) fix-xahar bhala kontribuzzjoni ghat-trobbija tal-minuri liema manteniment ghandu jithallas fl-ewwel gurnata ta' kull xahar bil-quddiem u ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Kemm-il darba l-minuri jibqa' jistudja fuq bazi full-time l-manteniment jibqa' jithallas sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jittermina l-istudji tieghu skont liema cirkostanza tivverifika ruhha l-ewwel. Kemm-il darba l-minuri ma jibqax jirrisjedi mal-attrici bejn l-eta' ta' tmintax (18)-il sena sakemm il-manteniment jibqa' dovut, tali**

**manteniment irid jigi vversat direttament lill-minuri. Oltre ghall-manteniment, il-konvenut Missier huwa obbligat ihallas ukoll nofs l-ispejjez li jsiru mill-Omm relatati mas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari. Dawn l-ispejjez ghandhom jigu saldati fi zmien gimgha minn meta l-attrici tghaddi kopja tal-fattura jew l-ircevuta lill-konvenut Missier.**

4) **Tichad ir-raba' talba;**
5) **Tichad il-hames talba;**
6) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba in vista tas-sentenza in parte diga moghtija minn din il-Qorti;**
7) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sebgha talba in vista tal-fatt li l-partijiet bieghu d-dar matrimonjali u saldaw il-pretensjonijiet taghhom f'dan ir-rigward;**
8) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba in linea tad-Decide numru 7;**
9) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba in vista tad-decide numru sebgha(7);**
10) **Tilqa' l-ghaxar talba u tordna lill-intimat jirrifondi l-ammont ta' elf u tnejn u ghoxrin euro u hamsa u tmenin centezmu (Eur1,022.85) lill-attrici;**
11) **Tilqa' il-hdax it-talba tal-attrici, tordna li l-attrici tirrifondi jew thallas lill-konvenut b'ekwiparazzjoni l-ammont ta' tlett elef, disa' mija, tnejn u sittin euro u hamsin centezmu (Eur3,962.50). Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' tnax-il elf u sitta' u tletin euro u sebgha u ghoxrin-il centezmu (Eur12,036.27)[7] rapprezentanti arretrati ta' hlasijiet ordnati lilu;**
12) **Tichad it-tnax-il talba tal-attrici stante nuqqas ta' provi;**
13) **Tilqa' it-tlettax-il talba tal-attrici u t-tmien talba tal-intimat tal-kontro-talba;**
14) **Tilqa' l-erbatax-il talba;**

**Di piu' il-Qorti tilqa jew tichad it-talbiet tal-konvenut fil-kontrotalba tieghu in linea ma dak fuq spjegat izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-erbatax-il talba u**

[7] **€13,059.12 – €1022.85 = €12,036.27**

**parti mill-hmistax -il talba tal-konvenut kif dedotta fil-kontrotalba tieghu minhabba li hemm arretrati ta' manteniment u ghalhekk ma gewx sodisfatti r-rekwiziti necessarji ghall- hall taz-zwieg;**

**Spejjez kwantu ghal zewg terzi kontra l-konvenut kwantu ghal terz ghall-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**